



Mistoqsijiet frekwenti
Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-
Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati
(FEG)
2021-2027

Awwissu 2024

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)

Mistoqsijiet Frekwenti

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà	5
Dokumentazzjoni Rilevanti.....	6
Formola ta' applikazzjoni.....	6
L-istruttura tar-rapport finali u l-linji gwida (id-dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa)	6
It-termini sabiex issir referenza għall-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom	6
1. APPLIKANTI.....	6
1.1. Mistoqsija: Min jista' japplika għall-appoġġ mill-FEG?	6
1.2. Mistoqsija: Reġjun jew korp ieħor jista' jirrappreżenta lill-Istat Membru għall-finijiet ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni tal-FEG?	6
2. AVVENIMENTI SKATTATURI	6
2.1. Mistoqsija: L-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza relatata mal-kawża tas-sensji?	6
3. SENSJI	7
3.1. Mistoqsija: Sensja meta tista' tingħadd mal-minimu ta' 200 sensja meħtieġa mir-Regolament dwar il-FEG?	7
3.2. Mistoqsija: Ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, li jaħdmu għall-intrapriża fejn jingħataw is-sensji, jistgħu jiġu inklużi fit-total ta' mill-anqas 200 sensja?.....	7
3.3. Mistoqsija: Liema tip ta' ħaddiema għal rashom jistgħu jiġu inklużi fit-total ta' mill-anqas 200 sensja?	8
3.4. Mistoqsija: Il-FEG ma jistax jiġi mmobilizzat meta impjegati tas-settur pubbliku jingħataw is-sensja b'riżultat ta' tnaqqis fil-baġit minn Stat Membru. Din ir-restrizzjoni tapplika wkoll għall-ħaddiema ssensjati minn intrapriżi li jipprovdu servizzi jew i jikkonsenjaw prodotti lil entitajiet finanzjati pubblikament affettwati minn tnaqqis fil-baġit?	8
3.5. Mistoqsija: Il-ħaddiema li jkunu applikaw għall-irtirar bikri jew għal sensja volontarja jistgħu jiġu inklużi fit-total ta' mill-anqas 200 sensja?.....	8
3.6. Mistoqsija: Il-post fejn tinsab intrapriża kif jiġi ddefinit jekk din ikollha postijiet tax-xogħol f'bosta reġjuni ta' Stat Membru?	8
3.7. Mistoqsija: Kif tista' tiffassal applikazzjoni konġunta minn żewġ Stati Membri jew aktar fejn l-istess avveniment iwassal għal sensji f'aktar minn Stat Membru wieħed?	9
3.8. Mistoqsija: Il-ħaddiema ssensjati f'Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ mill-FEG?	9
3.9. Mistoqsija: L-għajnuna mill-FEG tista' ssir disponibbli skont l-Artikolu 4(2)(a) għall-ħaddiema ssensjati minn fornituri ta' intrapriża ewlenija, jew produtturi downstream li jiddependu minnha, anke jekk ma tkunx tressqet applikazzjoni għall-ħaddiema ta' dik l-intrapriża ewlenija?	10
3.10. Mistoqsija: Stat Membru jista' jinkludi sensji minn fornituri, jekk mhux in-negożju kollu tagħhom kien mal-intrapriża ewlenija li tkun is-suġġett tal-applikazzjoni tal-FEG?	10

3.11.	Mistoqsija: Meta kumpanija u l-fornituri tagħha jkunu jappartjenu għall-istess settur ta' attività jew ikunu jinsabu fl-istess reġjun ta' NUTS2, jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna mill-FEG skont l-Artikolu 4(2)(b) jew 4(2)(c)?	10
3.12.	Mistoqsija: Tista' tiġi sottomessa applikazzjoni abbażi tal-Artikolu 4(2)(b) meta l-intrapriżi kollha msemmija jkunu jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji?	10
3.13.	Mistoqsija: X'inhi t-tifsira ta' "swieq tax-xogħol żgħar" fl-Artikolu 4(3)?	11
3.14.	Mistoqsija: Jista' jingħata eżempju ta' x'jista' jittqies bħala "ċirkustanzi eċċezzjonali" skont l-Artikolu 4(4)?	11
3.15.	Mistoqsija: Skont l-Artikolu 4(4), hemm limitu massimu annwali ta' 15 % għal "ċirkustanzi eċċezzjonali". Għaliex?	11
3.16.	Mistoqsija: Perjodu ta' 12-il ġimgħa mhuwiex qasir wisq sabiex tingħabar l-informazzjoni dwar il-ħaddiema kollha li jistgħu jingħataw għajnuna mill-FEG?	11
3.17.	Mistoqsija: Il-perjodu referenzjarju li fih jingħaddu l-200 sensja jista' jkun iqsar minn erba' jew sitt xhur?	11
3.18.	Mistoqsija: L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjoni qabel tmiem il-perjodu referenzjarju indikat fl-applikazzjoni tiegħu?	12
4.	BENEFIĊJARJI ELIĠIBBLI	12
4.1.	Mistoqsija: Jekk il-ħaddiema individwali jew dawk li jaħdmu għal rashom ikunu jixtiequ jgawdu minn appoġġ mill-FEG, x'għandhom jagħmlu?	12
4.2.	Mistoqsija: Ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja qabel jew wara l-perjodu referenzjarju ta' erba' jew sitt xhur jistgħu jgawdu mill-għajnuna mill-FEG?	12
4.3.	Mistoqsija: Jekk ħaddiema ssensjati jsibu impjieg ġdid, xorta waħda jistgħu jiġu inklużi f'miżuri ta' taħriġ (u oħrajn) matul il-perjodu ta' implimentazzjoni?	12
4.4.	Mistoqsija: Skont l-Artikolu 6, il-ħaddiema jridu jkunu ġew issensjati (jew il-kuntratt ta' impjieg tagħhom ma jkunx iġġedded wara t-terminazzjoni) sabiex jikkwalifikaw għall-appoġġ mill-FEG. Jistgħu jirċievu benefiċċji tal-qgħad? Dawn il-benefiċċji jeskuduhom mill-appoġġ mill-FEG waqt li jkunu għadhom qiegħda?	13
4.5.	Mistoqsija: In-numru ta' ħaddiema li jipparteċipaw fil-miżuri jista' jkun akbar min-numru ta' ħaddiema fil-mira?	13
4.6.	Mistoqsija: Ħaddiema qiegħda oħrajn għajr dawk elenkati fl-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna mill-FEG?	13
5.	APPLIKAZZJONIJIET: REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI	13
5.1.	Mistoqsija: Jekk applikazzjoni tkun tikkonċerna numru ta' reġjuni jew żoni differenti, dawn iridu jiġu deskritti kollha kemm huma, jew biss dawk l-aktar milquta mis-sensji?	13
5.2.	Mistoqsija: X'informazzjoni hija meħtieġa skont l-Artikolu 8(7)(c) dwar ir-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar?	13
5.3.	Mistoqsija: X'informazzjoni hija meħtieġa skont l-Artikolu 8(7)(k) dwar il-proċeduri segwiti għal konsultazzjoni mas-sħab soċjali?	14
5.4.	Mistoqsija: Servizi personalizzati bħalma huma t-taħriġ jew il-konsulenza jistgħu jiġu esternalizzati lil korpi ta' implimentazzjoni, sabiex l-Istat Membru juża parti mill-kontribuzzjoni tal-FEG sabiex iħallas korp bħal dan?	14
5.5.	Mistoqsija: F'applikazzjoni għal finanzjament mill-FEG, min janalizza l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduta?	15

5.6.	Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jikkuntattjaw lill-persunal tal-Kummissjoni u jddiskutu l-applikazzjonijiet potenzjali jew l-applikazzjonijiet tagħhom fl-istadju tal-abbozzar?	15
5.7.	Mistoqsija: X'inhu r-rwol tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG f' kull Stat Membru?	15
6.	APPLIKAZZJONIJIET: MIŻURI	15
6.1.	Mistoqsija: Ir-Regolament jistipula miżuri li għandhom jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati?	15
6.2.	Mistoqsija: Kemm-il miżura jikkostitwixxu pakkett?	15
6.3.	Mistoqsija: X'inhu t-tifsira ta' "attivitajiet ta' kooperazzjoni" fl-Artikolu 7(2)(a)?	16
7.	TWAQQIT U DURATA	16
7.1.	Mistoqsija: In-nefqa mġarrba qabel il-bidu tal-perjodu ta' implimentazzjoni hija eliġibbli?	16
7.2.	Mistoqsija: It-tul ta' żmien disponibbli sabiex jiġi appoġġat benefiċjarju huwa ristrett - jiġifieri r-Regolament dwar il-FEG jiddefinixxi tmiem għall-perjodu ta' eliġibbiltà?	16
7.3.	Mistoqsija: Il-perjodu ta' implimentazzjoni meta jibda u jintemm?	16
7.4.	Mistoqsija: Jekk benefiċjarju jirċievi appoġġ finanzjarju mill-FEG sabiex jibda n-negozju tiegħu stess, dan il-finanzjament jista' jintuża wara l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar?	17
7.5.	Mistoqsija: Il-finanzjament mill-FEG jista' jintuża wara l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar, eż. għal ħaddiema li jsegwu korsijiet wara dak il-perjodu?	17
8.	BAĠIT U FINANZI	18
8.1.	Mistoqsija: Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrifjutaw il-finanzjament mill-FEG propost mill-Kummissjoni?	18
8.2.	Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jibbaġitjaw għal nefqa amministrattiva bħala parti minn applikazzjoni tal-FEG?	18
8.3.	Mistoqsija: Jekk applikazzjoni tal-FEG tibbaġitja nefqa ta' 4 % għal attivitajiet ta' implimentazzjoni iżda sa tmiem l-implimentazzjoni n-nefqa effettiva tkun ta' 7 % min-ħabba li jkun hemm anqas kostijiet milli mistenni b'rabta mal-attivitajiet, il-ħlas inali għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni jitnaqqas għal 4 %?	18
8.4.	Mistoqsija: Il-komunikazzjoni u l-kontroll u l-awditjar huma obbligatorji fl-implimentazzjoni tal-FEG. X'jiġri jekk ir-rekwiżiti ta' komunikazzjoni u kontroll u awditjar ma jiġux issodisfati biżżejjed jew ma jiġux issodisfati kollha?	18
8.5.	Mistoqsija: Minn liema data ssir eliġibbli n-nefqa bbaġitjata għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni?	18
8.6.	Mistoqsija: Il-FEG jista' jipprova appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' korp li jirrappreżenta lill-ħaddiema ssensjati?	19
8.7.	Mistoqsija: Pakkett ta' miżuri tal-FEG jista' jinkludi miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali mwettqa għall-benefiċċju tal-ħaddiema inklużi fl-applikazzjoni?	19
8.8.	Mistoqsija: Jistgħu jingħataw xi eżempji konkreti ta' miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali li mhumiex eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?	19
8.9.	Mistoqsija: Huwa possibbli li jintużaw mezzi finanzjarji mill-pakkett tal-FEG sabiex jiġi kkofinanzjat ir-rapport finali meħtieġ skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar il-FEG?	19
8.10.	Mistoqsija: Il-miżuri kollha li ttieħdu b' appoġġ għall-ħaddiema jridu jifhallsu bis-sħiħ sa tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni?	20

8.11.	Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jinkludu mikrokrediti għall-ħolqien ta' negozju bħala parti minn pakkett personalizzat?	20
8.12.	Mistoqsija: Il-ħaddiema li jibbenefikaw minn mikrokrediti bħala parti mill-pakkett personalizzat tal-FEG jistgħu jirċievu wkoll finanzjament permezz ta' skema oħra ta' mikrokreditu tal-UE?	20
8.13.	Mistoqsija: Fl-applikazzjoni tiegħu għall-appoġġ mill-FEG, Stat Membru jista' jissepura miżuri sabiex jiġu ffinanzjati kompletament minn fondi nazzjonali u miżuri sabiex jiġu ffinanzjati kompletament mill-FEG?	20
8.14.	Mistoqsija: Applikazzjoni tal-FEG tista' tinkludi kofinanzjament privat?	21
8.15.	Mistoqsija: Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid l-ammonti ta' finanzjament bejn l-entrati matul l-implimentazzjoni?	21
8.16.	Mistoqsija: Jistgħu jiġu introdotti miżuri ġodda fil-baġit matul l-implimentazzjoni?	21
8.17.	Mistoqsija: Fl-aħħar stadju tar-rapportar, x'jiġri jekk Stat Membru ma jkunx nefaq fuq il-pakkett ta' miżuri daqskemm kien indika fl-applikazzjoni tiegħu?	21
8.18.	Mistoqsija: Il-kontribuzzjoni tal-FEG tista' tiġi kkanċellata kompletament jew parzjalment?	21
8.19.	Mistoqsija: It-tagħmir użat bħala apparat għat-taħriġ, bħal laptops, proġetturi tal-video jew kameras, huwa eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?	22
8.20.	Mistoqsija: Fl-Istati Membri fejn it-tagħlim huwa "mingħajr ħlas", jista' jiġi inkluż il-kost medju <i>per capita</i> tal-edukazzjoni?	22
8.21.	Mistoqsija: Il-miżuri implimentati barra mill-UE jew barra mill-Istat Membru li jkun talab l-appoġġ mill-FEG huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?	22
8.22.	Mistoqsija: Il-miżuri li għandhom l-għan ta' riintegrazzjoni fl-impjieg fi Stat Membru differenti jew f'pajjiż mhux tal-UE huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?	22
8.23.	Mistoqsija: Benefiċjarju li jirċievi appoġġ finanzjarju sabiex jibda n-negozju tiegħu stess jista' jirċievi wkoll appoġġ finanzjarju mill-FEG għal dan il-għan?	23
8.24.	Mistoqsija: Meta benefiċjarju jirċievi appoġġ finanzjarju sabiex jibda n-negozju tiegħu stess minn diversi sorsi, l-ammont totali riċevut jista' jaqbeż il-limitu stabbilit mir-Regolament dwar il-FEG ta' EUR 22,000?	23
8.25.	Jistgħu jintużaw għażliet ta' kostijiet issimplifikati fil-każijiet tal-FEG?	23
8.26.	Ir-Regolamenti, bħar-Regolament (UE) 2021/702 dwar id-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, jistgħu jiġu applikati fil-kuntest tal-FEG?	23
8.27.	Huwa possibbli li wieħed jagħżel li juża l-SCOs b'mod retroattiv, anki jekk l-użu tagħhom ma kienx previst fl-istadju tal-applikazzjoni, bl-istess mod li huwa possibbli li wieħed iżid miżuri ġodda fi stadju aktar tard?	24
9.	PROCĊEDURI U SKEDI TA' ŻMIEN	24
9.1.	Mistoqsija: Kif tista' tiġi sottomessa applikazzjoni għal kofinanzjament tal-FEG?	24
9.2.	Mistoqsija: Hemm skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni?	24
9.3.	Mistoqsija: Kif għandhom jiġu kkalkolati d-diversi perjodi ta' żmien, jiġifieri x-xhur u l-ġimgħat stipulati fir-Regolament dwar il-FEG, bħall-perjodu referenzjarju, it-12-il ġimgħa sas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, tmiem il-fażi ta' implimentazzjoni tal-FEG jew id-data għas-sottomissjoni tar-rapport finali?	24

9.4.	Mistoqsija: Stat Membru jista' jforni informazzjoni addizzjonali wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-appoġġ mill-FEG?	25
9.5.	Mistoqsija: Kemm jgħaddi żmien bejn l-applikazzjoni għall-appoġġ mill-FEG u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament?	25
9.6.	Mistoqsija: L-Istat Membru kif jiġi informat dwar l-iskadenzi u l-obbligi wara l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu?	27
9.7.	Mistoqsija: X'inhom l-proċedura ta' deżinjazzjoni għall-esperti li jridu jiġu kkonsultati mill-Kummissjoni qabel ma jiġi adottat att delegat?	27
9.8.	Mistoqsija: Il-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 26 tar-Regolament dwar il-FEG għandu l-istess konfigurazzjoni tal-grupp ta' esperti li jrid jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni ta' att delegat?	27
10.	INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ	28
10.1.	Mistoqsija: Liema attivitajiet ta' komunikazzjoni huma mistennija mill-Istati Membri?	28
10.2.	Mistoqsija: Huwa biżżejjed li tingħata informazzjoni dwar l-għajnuna mill-FEG fil-post fejn iseħħu l-miżuri finanzjati mill-FEG?	29
10.3.	Mistoqsija: Huwa possibbli li ssir evalwazzjoni (studju dwar l-effett tal-miżuri finanzjati) bil-fondi tal-FEG, f'konformità mal-Artikolu 7(5)?	30
10.4.	Mistoqsija: Skont l-Artikolu 7(5), l-attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-pakkett tal-FEG. Jistgħu jingħataw eżempji konkreti ta' miżuri bħal dawn?	30
11.	ĠESTJONI, AWDITJAR U EVALWAZZJONI	30
11.1.	Mistoqsija: Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-FEG għandha tkun l-istess bħal dik għall-Fondi Strutturali?	30
11.2.	Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jużaw sistema ta' awditjar differenti għall-FEG, minbarra dik stabbilita għall-FSE+?	30
11.3.	Mistoqsija: X'inhom l-iskop tal-istħarriġ dwar il-benefiċjarji f'konformità mal-Artikolu 22(4)?	30
11.4.	Mistoqsija: X'inhom r-rwol tal-Istati Membri fl-istħarriġ dwar il-benefiċjarji?	31
11.5.	Mistoqsija: X'inhom r-rwol tal-Istati Membri fl-evalwazzjoni tal-FEG?	31
11.6.	Mistoqsija: Xi tfisser komplementarjetà?	31
12.	RAPPORTAR U GĦELUQ	32
12.1.	Mistoqsija: Ir-rapport finali meta għandu jintbagħat lill-Kummissjoni?	32
12.2.	Mistoqsija: X'informazzjoni trid tiġi inkluża fir-rapport finali u x'inhom r-rekwiżiti formali?	32
12.3.	Mistoqsija: X'inhom r-regoli għad-dikjarazzjoni li tiġi ġustifika n-nefqa finanzjata mill-FEG (l-Artikolu 20(1)(e))?	32
12.4.	Mistoqsija: Hemm konsegwenzi jekk l-opinjoni tal-awditjar ma tasalx flimkien mar-rapport finali?	33
12.5.	Mistoqsija: Liema informazzjoni trid tibqa' disponibbli wara li jingħalaq il-każ?	33
12.6.	Mistoqsija: Il-Kummissjoni kif tagħlaq każ tal-FEG?	33

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

https://ec.europa.eu/info/legal-notice_mt

Dokumentazzjoni Rilevanti

[Ir-Regolament \(UE\) 2021/691](#). ĠU L 153/48 (3.5.2021)
[Ir-Regolament \(UE\) 2021/1060](#). ĠU L 231/159 (30.6.2021)

Formola ta' applikazzjoni

L-applikazzjonijiet għall-appoġġ mill-FEG huma sottomessi [permezz tal-SFC tal-2021](#) (Sistema għall-ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea).

L-istruttura tar-rapport finali u l-linji gwida (id-dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa)

Ir-rapportar dwar ir-riżultati finali jsir permezz tal-[SFC tal-2021](#).

It-termini sabiex issir referenza għall-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom

Ġie miftiehem li isem il-fond (2021-2027) huwa l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG). F'dan it-test, il-kliem "ridondanti", "imkeċċi", "itterminat" jew "spostat" jintużaw b'mod interkambjabbli sabiex, mill-anqas, jirriflettu l-varjetà f'lingwi oħrajn. Dak li jgħodd huwa li l-ħaddiema jkunu (diġà) tilfu l-impjieg tagħhom f'avveniment ta' ristrutturar fuq skala kbira.

1. APPLIKANTI

1.1. Mistoqsija: Min jista' japplika għall-appoġġ mill-FEG?

Tweġiba: L-Istati Membri biss jistgħu japplikaw. L-inizjattiva għal applikazzjoni tista' tiġi minn partijiet ikkonċernati, jiġifieri mil-lokalità jew mir-reġjun affettwat, mis-sħab soċjali jew mill-ħaddiema involuti - iżda l-applikazzjoni trid tiġi sottomessa mill-Istat Membru u tiġi ffirmata minn persuna awtorizzata sabiex tirrappreżenta lill-Istat Membru, billi l-Istat Membru applikant ikun qiegħed jiggarrantixxi kofinanzjament nazzjonali.

Ir-rappreżentanti tal-Istat Membru jistgħu jkunu l-ministeru rilevanti jew ir-Rappreżentazzjoni Permanenti għall-UE tal-Istat Membru¹.

1.2. Mistoqsija: Reġjun jew korp ieħor jista' jirrappreżenta lill-Istat Membru għall-finijiet ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni tal-FEG?

Tweġiba: Dan huwa possibbli b'delegazzjoni mill-Istat Membru li trid tiġi ddokumentata u tiġi magħmula disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba. L-Istat Membru applikant jibqa' responsabbli mill-applikazzjoni, anke meta reġjun jirrappreżentah b'delega.

2. AVVENIMENTI SKATTATURI

2.1. Mistoqsija: L-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza relatata mal-kawża tas-sensji?

Tweġiba: Matul il-perjodu bejn l-2014 u l-2020, l-Istati Membri kellhom juru li s-sensji kienu kkawżati mill-globalizzazzjoni jew minn kriżi ekonomika globali. Madankollu, fil-

¹ Il-kuntatti fl-Istati Membri jistgħu jinstabu fuq is-[sit web tal-FEG](#)

perjodu bejn l-2021 u l-2027, il-mobilizzazzjoni tal-FEG ma għadhiex tiddependi speċifikament fuq avveniment ta' ristrutturar. Għalhekk, ma għadhiex meħtieġa analiżi fil-fond. Madankollu, l-Istati Membri jridu jipprovdu deskrizzjoni tal-avvenimenti li jkunu wasslu għas-sensji, appoġġata minn *data* minn sorsi rikonoxxuti u affidabbli.

Il-lista ta' kawżi possibbli fl-Artikolu 2(2) mhijiex eżawrjenti, u telenka xi wħud mill-akbar sfidi mistennija bħala eżempji.

3. SENSJI

3.1. **Mistoqsija: Sensja meta tista' tingħadd mal-minimu ta' 200 sensja meħtieġa mir-Regolament dwar il-FEG?**

Twegjiba: L-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-FEG jistabbilixxi ħames possibbiltajiet għall-għażla tal-waqt:

- meta l-impjegatur jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati, jew
- meta impjegatur jagħti avviż individwali lil ħaddiem dwar l-intenzjoni tiegħu li jtemm il-kuntratt ta' impjieg; dan normalment (iżda mhux neċessarjament) isir permezz ta' ittra individwali ta' sensja, jew
- fejn ikun hemm terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjieg jew dan jiskadi, jiġifieri d-data meta l-ħaddiem fil-fatt jitleaq mill-post tax-xogħol, jew
- fi tmiem l-assenjament ta' ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija għand intrapriża li tużaha, jew
- għal persuna li taħdem għal rasha, fid-data tal-waqfien tal-attivitajiet kif iddeterminat f'konformità mad-dritt nazzjonali jew skont id-dispożizzjonijiet amministrattivi.

Meta tintuża l-ewwel possibbiltà, l-Istat Membru applikant irid jikkonferma n-numru ta' sensji li verament effettwati, qabel ma l-Kummissjoni tkun iffinalizzat il-valutazzjoni tagħha dwar jekk ikunux intlaħqu l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja.

Stat Membru jista' jikkombina diversi minn dawn l-għażliet fl-istess applikazzjoni, iżda jrid ikun ċar liema mill-ħames possibbiltajiet disponibbli għall-kalkolu tas-sensji (jew kombinamenti tagħhom) jkun intuża għal kull intrapriża li ssensjat il-ħaddiema.

3.2. **Mistoqsija: Ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, li jaħdmu għall-intrapriża fejn jingħataw is-sensji, jistgħu jiġu inklużi fit-total ta' mill-anqas 200 sensja?**

Twegjiba: Iva. Għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li jinsabu f'din is-sitwazzjoni, huwa probabbli li l-aġenzija tkun fornitur (ta' persunal) għall-intrapriża ewlenija li tkun qiegħda tagħti s-sensji. Jekk iva, il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija jistgħu jingħaddu mal-minimu ta' 200 sensja, dment li l-kuntratti tagħhom mal-aġenzija jiġu mitmuma b'riżultat tas-sensji fl-intrapriża ewlenija. Għandha tintwera konnessjoni ċara bejn iż-żewġ avvenimenti.

L-Artikolu 5(d) jipprovdi l-metodu sabiex jingħaddu l-ispostamenti ta' impjegi ta' aġenti temporanji.

3.3. Mistoqsija: Liema tip ta' ħaddiema għal rashom jistgħu jiġu inklużi fit-total ta' mill-anqas 200 sensja?

Tweġiba: Bħala eżempju ta' persuna eliġibbli bħal din li taħdem għal rasha wieħed jista' jsemmi ġardinar jew persuna li tneqda it-twieqi f'intrapriża li tkun qiegħda tagħlaq. Ħaddiema bħal dawn normalment jiġu impjegati fuq bażi indipendenti, iżda full-time jekk l-intrapriża tkun kbira, u jutilfu l-impjieg tagħhom u jkollhom iwaqfju l-attivitajiet tagħhom meta l-intrapriża ma jkollhiex bżonn aktar is-servizz tagħhom. F'każijiet settorjali reġjonali, hija eliġibbli kwalunkwe persuna li taħdem għal rasha li tagħlaq l-attività tagħha u li l-attività kummerċjali tagħha tkun fis-settur rilevanti.

3.4. Mistoqsija: Il-FEG ma jistax jiġi mmobilizzat meta impjegati tas-settur pubbliku jingħataw is-sensja b'riżultat ta' tnaqqis fil-baġit minn Stat Membru. Din ir-restrizzjoni tapplika wkoll għall-ħaddiema ssensjati minn intrapriżi li jipprovdu servizzi jew li jikkonsenjaw prodotti lil entitajiet finanzjati pubblikament affettwati minn tnaqqis fil-baġit?

Tweġiba: F'konformità mal-Artikolu 4(5), il-FEG ma jistax jiġi mmobilizzat f'każijiet ta' sensji fis-settur pubbliku, li huma l-konsegwenza ta' tnaqqis baġitarju pubbliku. Madankollu, il-FEG jista' jappoġġa lill-ħaddiema ssensjati minn intrapriżi attivi f'suq kompetittiv li jipprovdu servizzi jew li jikkonsenjaw oġġetti lil entitajiet finanzjati pubblikament affettwati minn tnaqqis baġitarju. L-istess japplika għal persuni li jaħdmu għal rashom.

Eżempju ta' ħaddiema spostati eliġibbli minn intrapriżi li jipprovdu servizzi jew li jikkonsenjaw oġġetti lil entitajiet finanzjati pubblikament affettwati minn tnaqqis baġitarju jista' jkun tarzna privata speċjalizzata f'bastimenti militari, li jkollha klijenti madwar id-dinja kollha. It-tarzna se jkollha tissentja 280 impjieg wara li l-klijent ewlieni tagħha, il-flotta nazzjonali, ikkanċellat bosta ordnijiet ta' bastimenti minħabba tnaqqis fil-baġit pubbliku. Dawn is-sensji huma eliġibbli. It-tarzna mhijjex qiegħda ttwettaq servizzi pubbliċi, u t-tarzna nnifisha mhijjex qiegħda tiddependi biss minn kontribuzzjonijiet mill-baġit pubbliku. Hija attiva f'suq kompetittiv u qiegħda tikkompeti ma' tarzni madwar id-dinja, u tbigħ il-prodott tagħha lil varjetà ta' klijenti.

3.5. Mistoqsija: Il-ħaddiema li jkunu applikaw għall-irtirar bikri jew għal sensja volontarja jistgħu jiġu inklużi fit-total ta' mill-anqas 200 sensja?

Tweġiba: Ħaddiema li jagħżlu rtirar bikri jew sensja volontarja jistgħu jiġu inklużi fit-total ta' 200 sensja jew aktar, jekk huma jkunu vvolontarjaw wara sejħa għall-kandidati mill-impjegatur tagħhom, u jekk ikun hemm konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà l-oħra. Dawn jistgħu jiġu inklużi wkoll bħala benefiċjarji eliġibbli fil-miżuri kofinanzjati mill-FEG, jekk ikunu jixtiequ jsibu opportunitajiet ta' impjieg ġodda.

3.6. Mistoqsija: Il-post fejn tinsab intrapriża kif jiġi ddefinit jekk din ikollha postijiet tax-xogħol f'bosta reġjuni ta' Stat Membru?

Tweġiba: Fil-każ ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c), is-sensji kollha jridu jsejnhu fl-istess reġjun. F'każ ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(b) jew skont l-Artikolu 4(3) jew 4(4) abbażi tal-Artikolu 4(2)(b), is-sensji jingħaddu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi, jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi definiti fil-[livell NUTS 2](#), dment li jkun hemm mill-anqas 200 ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha affettwati fi tnejn mir-reġjuni kkombinati. Għalhekk huwa importanti li jiġu identifikati b'mod korrett ir-reġjun(i) fejn il-ħaddiema għandhom jingħaddu.

Il-kriterju li għandu jintuża meta jkun qiegħed jiġi kkalkolat in-numru ta' ħaddiema ssensjati huwa l-post fejn ikun jinsab il-post tax-xogħol normali ta' kull ħaddiem f'dak iż-żmien meta dak il-ħaddiem ikun ingħata s-sensja. Għalhekk, kumpanija li jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha fil-belt kapitali ta' Stat Membru jista' jkollha fergħat f'diversi reġjuni. Il-ħaddiema li jaħdmu f'dawn il-fergħat għandhom jingħaddu fir-reġjun fejn tkun tinsab il-fergħa rispettiva tagħhom.

3.7. Mistoqsija: Kif tista' tiffassal applikazzjoni konġunta minn żewġ Stati Membri jew aktar fejn l-istess avveniment iwassal għal sensji f'aktar minn Stat Membru wieħed?

Tweġiba: Jekk l-għadd ikkombinat ta' sensji f'żewġ reġjuni kontigwi, jiġifieri fiżikament ma' ġenb xulxin f'żewġ Stati Membri jilħaq 200 jew aktar, u s-sensji jsejtnu fl-istess [diviżjoni ta' NACE rev 2](#) (jiġifieri s-settur ekonomiku), dawn jistgħu jintrabtu flimkien f'żewġ applikazzjonijiet separati skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG. Għalhekk, is-sensji fiż-żewġ reġjuni jistgħu jingħaddu sabiex jintlaħaq is-soll ta' 200 sensja, iżda l-miżuri jiffasslu u jiġu implimentati separatament minn kull Stat Membru.

Avveniment li jista' jwassal għal applikazzjoni minn Stat Membru skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar il-FEG (jiġifieri 200 sensja jew aktar f'intrapriża fi Stat Membru) jista' jikkawża sensji wkoll (eż. fost il-fornituri) fi Stat Membru ieħor. Jekk ikunu anqas minn 200, dawn is-sensji jistgħu potenzjalment ikunu s-suġġett ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 4(3) jew 4(4), li jirreferi għal swieq tax-xogħol żgħar jew ċirkustanzi eċċezzjonali.

Applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata minn Stat Membru anke jekk l-Istat Membru affettwat l-ieħor jagħżel li ma japplikax.

L-Istati Membri applikanti jridu jipprovdu dettalji ċari dwar ir-rabta bejn kull żewġ applikazzjonijiet separati.

3.8. Mistoqsija: Il-ħaddiema ssensjati f'Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ mill-FEG?

Tweġiba: Il-FEG jista' jgħin lill-ħaddiema ssensjati mill-SMEs b'erba' modi:

- Skont l-Artikolu 4(2)(a), jekk SME tkun fornitur jew produttur downstream għal intrapriża li tkun għaddejja minn proċess ta' ristrutturar, allura s-sensji fl-SME jistgħu jiġu inklużi fl-applikazzjoni sottomessa mill-Istat Membru.
- L-Artikoli 4(2)(b) u (c) jkopru b'mod partikolari l-SMEs f'settur definit f'reġjun wieħed (jew f'reġjuni kontigwi) jew f'setturi differenti f'reġjun wieħed.
- Skont l-Artikolu 4(3) jew 4(4), applikazzjoni tal-FEG tista' tkun relatata ma' "swieq tax-xogħol żgħar" (eż. reġjun remot u skarsament popolat jew żona ġeografikament iżolata, b'hal għira jew wied fil-muntanji) jew ma' "ċirkustanzi eċċezzjonali" (fejn "il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) ma jiġux issodisfati kompletament u fejn is-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjieg u fuq l-ekonomija lokali"). Il-ħaddiema ssensjati mill-SMEs jistgħu jibbenefikaw minn din id-dispożizzjoni.

3.9. Mistoqsija: L-għajnuna mill-FEG tista' ssir disponibbli skont l-Artikolu 4(2)(a) għall-ħaddiema ssensjati minn fornituri ta' intrapriża ewlenija, jew produtturi downstream li jiddependu minnha, anke jekk ma tkunx tressqet applikazzjoni għall-ħaddiema ta' dik l-intrapriża ewlenija?

Tweġiba: L-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar il-FEG ikopri s-sensji f'intrapriża, fil-fornituri tagħha u fil-produtturi downstream tagħha. Fl-applikazzjoni tiegħu, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma jinkludix sensji fl-intrapriża ewlenija. Madankollu, sabiex jiġġustifika applikazzjoni għall-għajnuna mill-FEG, l-Istat Membru jrid juri li d-deċiżjonijiet meħuda mill-intrapriża ewlenija riżultaw f'sensji fil-fornituri jew fil-produtturi downstream.

3.10. Mistoqsija: Stat Membru jista' jinkludi sensji minn fornituri, jekk mhux in-negozju kollu tagħhom kien mal-intrapriża ewlenija li tkun is-suġġett tal-applikazzjoni tal-FEG?

Tweġiba: Huwa importanti li jintwera li parti sostanzjali min-negozju tal-fornitur kienet mal-intrapriża affettwata minn avveniment ta' ristrutturar kbir (l-intrapriża ewlenija), u għalhekk is-sensji fil-fornitur huma dovuti għat-tnaqqis tal-attivitajiet fl-intrapriża ewlenija.

3.11. Mistoqsija: Meta kumpanija u l-fornituri tagħha jkunu jappartjenu għall-istess settur ta' attività jew ikunu jinsabu fl-istess reġjun ta' NUTS2, jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna mill-FEG skont l-Artikolu 4(2)(b) jew 4(2)(c)?

Tweġiba: F'każ bħal dan, tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu liema approċċ, l-Artikolu 4(2)(a), (b) jew (c), ikun aktar xieraq, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet l-oħra bħall-perjodu ta' referenza ta' erba' jew sitt xhur.

Skont l-Artikolu 4(2)(a) (perjodu referenzjarju ta' erba' xhur), applikazzjoni tista' tinkludi ħaddiema ssensjati minn fornituri fl-istess attività ekonomika tal-intrapriża ewlenija (eż. kollha kemm huma jappartjenu għas-settur awtomobilistiku) jew f'setturi differenti (eż. il-kumpanija li tipprovdi servizzi ta' catering għall-ħaddiema tal-intrapriża ewlenija). Dan l-approċċ ma jiħux kont tal-post fir-reġjun fejn jinsabu l-intrapriżi u jista' jintuża wkoll fil-livell nazżjonali.

Skont l-Artikolu 4(2)(b) (perjodu referenzjarju ta' sitt xhur), diversi intrapriżi li jappartjenu għall-istess settur ta' attività (l-istess diviżjoni ta' NACE rev 2) jistgħu jkunu parti mill-istess applikazzjoni, dment li kollha jkunu bbażati fl-istess reġjun jew f'żewġ reġjuni kontigwi (jew, b'mod kundizzjonali, aktar minn tnejn) ta' NUTS 2.

Skont l-Artikolu 4(2)(c) (perjodu referenzjarju ta' erba' xhur), diversi intrapriżi li jinsabu fl-istess reġjun ta' NUTS 2 jistgħu jiġu inklużi fl-istess applikazzjoni anke jekk ikunu jappartjenu għal setturi differenti u ma jkunux marbuta b'relazżjoni bejn il-fornitur/il-produttur downstream.

3.12. Mistoqsija: Tista' tiġi sottomessa applikazzjoni abbażi tal-Artikolu 4(2)(b) meta l-intrapriżi kollha msemmija jkunu jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji?

Tweġiba: Le. Għall-finijiet ta' applikazzjoni tal-FEG, intrapriżi li jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji (jiġifieri sussidjarji) jitqiesu bħala parti mill-istess intrapriża. Applikazzjoni għal sensji li jkunu seħħew fi ħdan l-istess grupp ta' kumpaniji jridu jiġu sottomessi skont l-Artikolu 4(2)(a).

3.13. Mistoqsija: X'inhi t-tifsira ta' "swieq tax-xogħol żgħir" fl-Artikolu 4(3)?

Tweġiba: Ir-Regolament ma jipprovdix definizzjoni ta' "suq tax-xogħol żgħir". Xi eżempji possibbli huma gżejjer, widien fil-muntanji jew reġjuni remoti u skarsament popolati. L-Istati Membri li jixtiequ jużaw dan il-kriterju jridu jiġġustifikaw il-perspettiva tagħhom li s-suq tax-xogħol inkwistjoni jkun wieħed żgħir.

L-Istat Membru jrid jispeċifika liema mill-kriterji ma ġewx issodisfati għalkollox, u jrid jippreżenta każ li jkun raġonevolment qrib il-kriterji normali.

3.14. Mistoqsija: Jista' jingħata eżempju ta' x'jista' jitqies bħala "ċirkustanzi eċċezzjonali" skont l-Artikolu 4(4)?

Tweġiba: Iċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali" mhumiex definiti aktar fid-dettall fir-Regolament, u hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jiġġustifika għalfejn iċ-ċirkustanzi tal-każ ikunu eċċezzjonali.

Jekk jagħmel użu mid-deroga prevista mir-Regolament għal ċirkustanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru jrid jispeċifika liema mill-kriterji ma jkunux issodisfati għalkollox, u jrid jippreżenta każ li jkun raġonevolment qrib il-kriterji normali.

Eżempju ta' ċirkustanzi eċċezzjonali jista' jkun li Stat Membru jkun issottometta applikazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(b) (sensji fi ħdan l-istess settur u l-istess reġjun jew żewġ reġjuni kontigwi [jew, b'mod kundizzjonali, aktar minn tnejn]) iżda jseħħ aktar sensji fil-istess settur (l-istess [diviżjoni ta' NACE rev 2](#)) minħabba l-istess kawża u tul l-istess perjodu, f'reġjun mhux kontigwu tal-istess Stat Membru. Pereżempju, dan jista' jkun il-każ għall-gżejjer. Applikazzjoni għall-għajnuna mill-FEG tista' tressaq l-argument li jkun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali skont l-Artikolu 4(4).

3.15. Mistoqsija: Skont l-Artikolu 4(4), hemm limitu massimu annwali ta' 15 % għal "ċirkustanzi eċċezzjonali". Għaliex?

Tweġiba: Iċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali" mhumiex definiti aktar fid-dettall fir-Regolament, u hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jiġġustifika għalfejn iċ-ċirkustanzi tal-każ ikunu eċċezzjonali. Sabiex tinżamm in-natura eċċezzjonali ta' każijiet bħal dawn, huma limitati għal sehem ta' 15 % tal-baġit annwali ġenerali disponibbli għall-FEG.

3.16. Mistoqsija: Perjodu ta' 12-il ġimgħa mhuwiex qasir wisq sabiex tingħabar l-informazzjoni dwar il-ħaddiema kollha li jistgħu jingħataw għajna mill-FEG?

Tweġiba: Ir-Regolament dwar il-FEG jipprovdli 12-il ġimgħa sabiex l-Istati Membri jiġbru l-informazzjoni meħtieġa u jissottomettu l-applikazzjoni. F'dak l-istadju, l-applikazzjoni għandha tkun kompluta kemm jista' jkun. Jekk il-Kummissjoni tkun teħtieġ informazzjoni addizzjonali, l-Istat Membru jkollu 15-il jum ta' xogħol sabiex iwieġeb (dan jista' jiġi estiż b'għaxart ijiem ta' xogħol oħra jekk ikun iġġustifikat kif xieraq). Dawn l-iskadenzi għandhom l-għan li jnaqqsu ż-żmien meħtieġ sabiex jintlaħqu l-ħaddiema ssensjati.

3.17. Mistoqsija: Il-perjodu referenzjarju li fih jingħaddu l-200 sensja jista' jkun iqsar minn erba' jew sitt xhur?

Tweġiba: Iva. Dawn il-perjodi huma perjodi massimi sabiex jiġi kkalkolat in-numru ta' sensji. Jekk is-soll ta' 200 sensja jkun ġie ssodisfat u l-Istat Membru ma jkunx qiegħed jistenna l-inklużjoni ta' aktar sensji, dan jista' jiddeċiedi li juża perjodu referenzjarju iqsar. Dan inaqqas iż-żmien meħtieġ sabiex l-appoġġ mill-FEG jilħaq il-ħaddiema ssensjati.

3.18. Mistoqsija: L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjoni qabel tmiem il-perjodu referenzjarju indikat fl-applikazzjoni tiegħu?

Tweġiba: Le. F'konformità mal-Artikolu 8(1), l-Istati Membri għandhom jissottomettu applikazzjoni fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(2), (3) jew (4). Għalhekk, tmiem il-perjodu referenzjarju jrid ikun qabel id-data ta' applikazzjoni.

Madankollu, huwa possibbli li jintuża perjodu referenzjarju iqsar jekk id-durata massima ma tkunx meħtieġa sabiex jiġu kkalkolati s-sensji jew inkella sabiex jitnaqqas il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għat-tnejn tal-applikazzjoni.

4. BENEFIĊJARJI ELIĠIBBLI

4.1. Mistoqsija: Jekk il-ħaddiema individwali jew dawk li jaħdmu għal rashom ikunu jixtiequ jgawdu minn appoġġ mill-FEG, x'għandhom jagħmlu?

Tweġiba: Huma m'ħeġġa li jikkuntattjaw lill-Persuna ta' Kuntatt tal-FEG tal-Istat Membru tagħhom, indikata fuq [is-sit web tal-FEG taħt "Kif tapplika"](#). Jistgħu wkoll jikkuntattjaw trade union, lis-servizz pubbliku tal-impjiegi jew lill-awtoritajiet lokali jew reġjonali tagħhom, u jitolbuhom jagħmlu l-ewwel kuntatt mal-Persuna ta' Kuntatt tal-FEG.

4.2. Mistoqsija: Ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja qabel jew wara l-perjodu referenzjarju ta' erba' jew sitt xhur jistgħu jgawdu mill-għajnuna mill-FEG?

Tweġiba: Kif iddikjarat fl-Artikolu 6, il-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet qabel jew wara l-perjodu referenzjarji ta' erba' jew sitt xhur stabbiliti fl-Artikolu 4 jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna mill-FEG, jekk:

(1) ikunu ngħataw is-sensja b'riżultat tal-istess avveniment li jkun skatta s-sensji matul il-perjodu referenzjarju, u

(2) s-sensja tagħhom tkun seħħet mhux aktar minn sitt xhur qabel il-perjodu referenzjarju, jew wara, sal-aħħar jum qabel id-data tal-ikkompletar tal-valutazzjoni u l-adozzjoni tal-abbozz ta' proposta għal deċiżjoni mill-Kummissjoni (madwar 15-il ġimgħa wara d-data ta' applikazzjoni), jew it-tnejn li huma.

4.3. Mistoqsija: Jekk ħaddiema ssensjati jsibu impjieg ġdid, xorta waħda jistgħu jiġu inklużi f'miżuri ta' taħriġ (u oħrajn) matul il-perjodu ta' implimentazzjoni?

Tweġiba: Iva. Il-ħaddiem issensjati jibqa' beneficijarji eliġibbli matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, anke wara li jkun sab xogħol ġdid. Għalhekk, il-ħaddiem jista' jibbenefika minn taħriġ, jew jirċievi appoġġ sabiex jstabilixxi negozju ġdid, anke wara li l-ħaddiem ikun aċċetta impjieg full-time jew part-time.

Jekk il-ħaddiem jitlef l-impjieg il-ġdid, hu jew hi xorta waħda jibqgħu eliġibbli għall-firxa sħiħa ta' miżuri offruti tul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

- 4.4. Mistoqsija: Skont l-Artikolu 6, il-ħaddiema jridu jkunu ġew issensjati (jew il-kuntratt ta' impjieg tagħhom ma jkunx iġġedded wara t-terminazzjoni) sabiex jikkwalifikaw għall-appoġġ mill-FEG. Jistgħu jirċievu benefiċċji tal-qgħad? Dawn il-benefiċċji jeskluduhom mill-appoġġ mill-FEG waqt li jkunu għadhom qiegħda?**

Tweġiba: Dment li l-benefiċjarji jkunu eliġibbli skont it-termini tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, dawn jikkwalifikaw għall-għajnuna mill-FEG. Filwaqt li l-FEG innifsu ma jstax jiffinanzja benefiċċji tal-qgħad, dan ma jipprevjenix lill-Istat Membru milli jħallashom lill-ħaddiema li jgawdu mill-għajnuna mill-FEG.

- 4.5. Mistoqsija: In-numru ta' ħaddiema li jipparteċipaw fil-miżuri jista' jkun akbar min-numru ta' ħaddiema fil-mira?**

Tweġiba: Iva. Il-limitu massimu huwa stabbilit min-numru ta' ħaddiema eliġibbli.

Dan ifisser li n-numru ta' ħaddiema li fil-fatt jipparteċipaw fil-miżuri jista' jkun akbar min-numru ta' ħaddiema fil-mira (jiġifieri n-numru ta' ħaddiema li oriġinarjament kienu mistennija jipparteċipaw). Madankollu, in-numru ta' ħaddiema li jipparteċipaw fil-miżuri ma jstax ikun akbar min-numru ta' ħaddiema eliġibbli.

L-ammont totali tal-baġit stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament jibqa' ma jinbidilx anke meta n-numru ta' ħaddiema li fil-fatt jipparteċipaw fil-miżuri jkun akbar minn dak mistenni.

- 4.6. Mistoqsija: Ħaddiema qiegħda oħrajn għajr dawk elenkati fl-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna mill-FEG?**

Tweġiba: Le. Matul l-2014 sal-2020, iż-żgħażaġħ li mhumiex impjegati, jew mhumiex jirċievu edukazzjoni jew taħriġ (NEETs) setgħu jibbenefikaw mill-FEG ukoll. Dan ma għadux il-każ billi hemm strumenti oħrajn li huma aktar adattati sabiex jgħinuhom, bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

5. APPLIKAZZJONIJIET: REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI

- 5.1. Mistoqsija: Jekk applikazzjoni tkun tikkonċerna numru ta' reġjuni jew żoni differenti, dawn iridu jiġu deskritti kollha kemm huma, jew biss dawk l-aktar milquta mis-sensji?**

Tweġiba: L-Istat Membru jrid jippreżenta analiżi tal-impatt mistenni tas-sensji sabiex jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-miżuri proposti fl-applikazzjoni jkunux realistiċi, immirati u adegwati. Għalhekk, hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru applikant li jippreżenta l-impatt tas-sensji fiż-żona rilevanti billi jiddeskrivi l-karatteristiċi l-aktar rilevanti għall-applikazzjoni, b'mod partikolari l-mod kif iż-żona hija affettwata mis-sensji u l-opportunitajiet alternattivi ta' impjieg li jeżistu jew li jistgħu jinħolqu fir-reġjuni jew fiż-żoni.

- 5.2. Mistoqsija: X'informazzjoni hija meħtieġa skont l-Artikolu 8(7)(c) dwar ir-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar?**

Tweġiba: L-applikant irid jindika kif ġew implimentati l-prattiki tajba (ara l-kolonna tal-lemin tat-tabella hawn taħt): deskrizzjoni fil-qosor tal-miżuri meħuda (bl-iskeda ta' żmien tagħhom) u min kien involut. L-applikanti jistgħu jirreferu wkoll għal rekwiżiti legali possibbli fl-Istati Membri jekk dawn il-miżuri jkunu obbligatorji.

Il-Qafas ta' Kwalità għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar
Sommarju tal-atturi u tal-prattiki tajba

	L-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA	IL-ĠESTJONI TAL-PROĊESSI TA' RISTRUTTURAR
KUMPAJNI, RAPPREŻENTANTI TAL-IMPJEGATI, IMSIEĦBA SOĊJALI U ORGANIZZAZZJONIJET SETTORJALI	<p>Monitoraġġ strateġiku tal-ambjent ekonomiku, tan-negozju u tas-suq</p> <p>Immappjar tal-impjegi u tal-ħiliet meħtieġa</p> <p>Pjan multiannwali għall-impjegi u l-ħiliet</p> <p>Miżuri ta' flessibilità, ta' taħriġ u tal-iżvilupp tal-karriera mmirati lejn ħaddiema individwali</p> <p>Promozzjoni ta' mobilità interna u esterna</p> <p>Informazzjoni, konsultazzjoni u negozjar kollettiv dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq</p>	<p>Irawmu l-konsensus intern permezz ta' dijanjożi konġunta</p> <p>Jesploraw il-possibilitajiet kollha possibbli qabel ma jikkontemplaw is-sensja</p> <p>Jorganizzaw appoġġ individwali u personalizzat għall-impjegati li nġhataw is-sensja</p> <p>Informazzjoni, konsultazzjoni u negozjar kollettiv dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq</p> <p>Jinvolvu l-atturi esterni</p>
IMPJEGATI INDIVIDWALI	<p>Itejbu l-kapaċità tagħhom li jiġbru l-informazzjoni meħtieġa biex jifhemu s-sitwazzjoni;</p> <p>Jirrevedu l-ħiliet tagħhom u jaġġornaw l-orjentazzjonijiet tal-karriera tagħhom;</p> <p>Isaħħu l-impjegabilità u l-mobilità tagħhom u jagħmlu tranżizzjonijiet professjonali fattibbli;</p> <p>Jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u t-taħriġ u jaċċettaw l-obbligi korrispondenti</p>	<p>Ifittxu informazzjoni dwar l-istrateġija tal-kumpanja</p> <p>Jesploraw azzjonijiet possibbli biex jevitaw li jingħataw is-sensja</p> <p>Jużaw appoġġ individwali u personalizzat</p>
AWTORITAJIET NAZZJONALI U REĠJONALI	<p>Jiżviluppaw għodod ta' previżjoni u t-bassir li jkopru l-impjegi u l-ħiliet u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol</p> <p>Isaħħu l-PASX, jippromovwu pjanijiet għal kwalifikazzjoni u servizzi ta' konsulenza, jagħtu appoġġ finanzjarju</p> <p>Jippromovwu l-kooperazzjoni bejn l-atturi u l-mutwalizzazzjoni tar-riskji</p> <p>Jiżviluppaw oqfsa li jiffavorixxu tranżizzjonijiet professjonali</p> <p>Monitoraġġ strateġiku tal-ambjent ekonomiku, tan-negozju u tas-suq</p> <p>Immappjar tal-impjegi u l-ħiliet meħtieġa</p>	<p>Jiġbru <i>data</i> dwar is-sensji, jimmonitorjaw l-impatt tar-ristrutturar, jappoġġaw sistemi ta' twissija bikrija</p> <p>Isaħħu s-servizzi pubbliċi tal-impjegi, jistabbilixxu programmi ta' spostament, jippromovwu l-ħolqien tax-xogħol</p> <p>Jappoġġaw pjattaformi ta' mobilità lokali, mobilità permezz ta' allowances, u gruppi finanzjarjament vulnerabbli</p> <p>Jippromovwu shubji u jikkordinaw l-użu tal-Fondi Strutturali</p> <p>Sistemi ta' twissija bikrija, isejħu laqgħat tal-atturi għal dijanjożi konġunta</p> <p>Unitajiet mobbli ta' rikonverżjoni, jippromovwu l-attrattività u l-</p>

Sors: [COM\(2013\) 882 Final](#)

5.3. Mistoqsija: X'informazzjoni hija meħtieġa skont l-Artikolu 8(7)(k) dwar il-proċeduri segwiti għal konsultazzjoni mas-šhab soċjali?

Tweġiba: L-Istat Membru għandu jikkonferma li l-benefiċjarji fil-mira, ir-rappreżentanti tagħhom jew is-šhab soċjali ġew ikkonsultati, u għandu jindika d-dati u d-dettalji ta' dawn il-konsultazzjonijiet. Fuq kollox, il-Kummissjoni hija interessata fil-konsultazzjonijiet li jikkonċernaw il-pakkett ta' miżuri li għandu jiġi kofinanzjat mill-FEG. Partijiet ikkonċernati oħrajn, bħalma huma l-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jiġu indikati wkoll u għandu jissema' kif dawn ġew involuti jew kif se jiġu involuti.

Jekk jogħġbok osserva li dan ir-reqwiżit huwa marbut mal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 8(7)(c).

5.4. Mistoqsija: Servizzi personalizzati bħalma huma t-taħriġ jew il-konsulenza jistgħu jiġu esternalizzati lil korpi ta' implimentazzjoni, sabiex l-Istat Membru juża parti mill-kontribuzzjoni tal-FEG sabiex iħallas korp bħal dan?

Tweġiba: Iva. Servizzi personalizzati jistgħu jitwasslu minn korpi ta' implimentazzjoni speċjalizzati bħalma huma istituzzjonijiet ta' taħriġ. Dawn il-korpi għandhom jissemmew fir-rapport finali. Għall-finijiet taż-żamma ta' rekord tal-awditjar, il-korp magħżul irid iżomm mal-fatturi tiegħu lista bl-ismijiet tal-ħaddiema li jkun ipprovdha servizzi lilhom u bid-dati ta' meta jkunu ġew ipprovduti s-servizzi.

5.5. Mistoqsija: F'applikazzjoni għal finanzjament mill-FEG, min janalizza l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduta?

Tweġiba: L-analiżi ssir mill-Kummissjoni Ewropea. Imbagħad, proposta għal finanzjament tiġi adottata mill-Kummissjoni u tiġi ppreżentata lill-Awtorità Baġitarja (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill), li tista' tapprova jew tirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni.

5.6. Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jikkuntattjaw lill-persunal tal-Kummissjoni u jiddiskutu l-applikazzjonijiet potenzjali jew l-applikazzjonijiet tagħhom fl-istadju tal-abbozzar?

Tweġiba: Iva, l-Kummissjoni tneġġeg lill-Istati Membri sabiex jikkuntattjaw lill-persunal tagħha qabel jew waqt l-istadju tal-abbozzar tal-applikazzjoni tagħhom. Kuntatti bħal dawn huma fl-interessi kemm tal-Istat Membru kif ukoll tal-Kummissjoni u jgħinu sabiex inaqsu ż-żmien meħtieġ għall-ipproċessar u l-approvazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Konsultazzjoni bikrija u skambju ta' fehmiet dwar il-fattibbiltà tal-każ u l-abbozzi inizjali tal-applikazzjoni jistgħu jgħinu lill-Istat Membru sabiex iħejji applikazzjoni formali li tinkludi l-elementi meħtieġa mill-Kummissjoni.

Kuntatt: EMPL-EGF@ec.europa.eu

5.7. Mistoqsija: X'inhu r-rwol tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG f'kull Stat Membru?

Tweġiba: Il-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG huma l-koordinaturi nazzjonali tal-FEG fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Dawn huma l-ewwel punt ta' riferiment għal kwalunkwe parti interessata li tixtieq tistaqsi dwar każijiet tal-FEG ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat. [Il-Persuni ta' Kuntatt flimkien huma Grupp ta' Esperti rikonoxxut formalment](#) li jiltaqa' darbtejn f'sena, u stabbilit sabiex jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-FEG.

6. APPLIKAZZJONIJIET: MIŻURI

6.1. Mistoqsija: Ir-Regolament jistipula miżuri li għandhom jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati?

Tweġiba: Iva. Għalkemm hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru applikant li jiddeċiedi liema miżuri se jagħmlu parti mill-pakkett ta' servizzi personalizzati, għandu jitqies element orizzontali meta jtfasslu l-pakketti ta' miżuri.

Dan l-element orizzontali huwa t-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi. Il-ħtieġa u l-livell ta' taħriġ iridu jiġu adattati għall-kwalifiki u l-kompetenzi tal-benefiċjarji, u għalhekk hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jiddeċiedi kif inhu l-aħjar mod sabiex jipprevedi dawn il-ħiliet.

6.2. Mistoqsija: Kemm-il miżura jikkostitwixxu pakkett?

Tweġiba: Għalkemm ir-Regolament ma jiddefinixx kemm miżuri jagħmlu pakkett, miżura jew servizz wieħed ma jikkostitwixxu pakkett. Il-miżuri jikkostitwixxu pakkett meta l-benefiċjarju jkollu l-possibbiltà li jagħżel fost diversi servizzi (mill-anqas tnejn).

6.3. Mistoqsija: X'inhom t-tifsira ta' "attivitajiet ta' kooperazzjoni" fl-Artikolu 7(2)(a)?

Tweġiba: Il-formulazzjoni attivitajiet ta' kooperazzjoni tirreferi għall-istabbiliment ta' kooperattivi.

7. TWAQQIT U DURATA

7.1. Mistoqsija: In-nefqa mġarrba qabel il-bidu tal-perjodu ta' implimentazzjoni hija eliġibbli?

Tweġiba: Iva. In-nefqa ssir eliġibbli mid-data li fiha l-Istat Membru jibda l-attivitajiet sabiex jimplimenta l-FEG jew jibda jipprova lill-ħaddiema affettwati s-servizzi personalizzati deskritti u bbaġitjati fl-applikazzjoni (futura) lill-Kummissjoni, dment li dawn id-dati jkunu stipulati fl-applikazzjoni. Għalhekk, id-data tal-bidu tista' tkun kwalunkwe żmien minn sitt xhur qabel il-perjodu referenzjarju, u prattikament dejjem qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja (id-Deċiżjoni ta' Finanzjament tal-Kummissjoni).

Madankollu, in-nefqa hija riskju tal-Istat Membru applikant sakemm tittieħed deċiżjoni pożittiva dwar l-applikazzjoni mill-Awtorità Baġitarja tal-UE (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill). Fuq talba taġġhom, l-Istati Membri se jiġu informati bil-quddiem dwar id-data ta' adozzjoni stmata.

7.2. Mistoqsija: It-tul ta' żmien disponibbli sabiex jiġi appoġġat benefiċjarju huwa ristrett - jiġifieri r-Regolament dwar il-FEG jiddefinixxi tmiem għall-perjodu ta' eliġibbiltà?

Tweġiba: Iva. It-tul tal-appoġġ mill-FEG huwa ristrett mir-Regolament, li jiddikjara li l-kontribuzzjoni tal-FEG trid tintuża fi żmien 24 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja (l-Artikolu 14(2)).

Il-miżuri jistgħu jkomplu wara tmiem il-perjodu ta' 24 xhur, iżda ma jistgħux jibqgħu jiġu kofinanzjati mill-FEG. Dawk imwettqa fil-perjodu ta' 24 xhur iridu jitħallsu qabel ma r-rapport finali jiġi sottomess lill-Kummissjoni (seba' xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni).

B'mod eċċezzjonali, meta benefiċjarju jidħol għal kors edukattiv jew ta' taħriġ itwal minn sentejn, it-tariffi (biss) għal dan il-kors jistgħu jiġu inklużi għall-kofinanzjament tal-FEG sad-data meta, skont l-Artikolu 20, għandu jkun lest ir-rapport finali, dment li jkunu tħallsu qabel id-data ta' meta għandu jkun lest ir-rapport finali. Għal aktar informazzjoni dwar din id-dispożizzjoni, jekk jogħġbok aqra t-tweġiba għall-Mistoqsija 7.5.

Ir-Regolament dwar il-FEG ma jipprevedix estensjoni tad-data limitu.

Ir-Regolament jirreferi għal miżuri speċjali limitati fiż-żmien, jiġifieri l-varjetà ta' allowances u inċentivi li jistgħu jagħmlu wkoll parti mill-pakkett ikkoordinat ta' miżuri iżda ma għandhomx jaqsbu l-35 % tal-kost totali tal-pakkett. L-espressjoni "limitat fiż-żmien" tirreferi għall-fatt li l-miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) huma kkundizzjonati għall-parteċipazzjoni attiva fil-miżuri skont l-Artikolu 7(2)(a) tal-pakkett.

7.3. Mistoqsija: Il-perjodu ta' implimentazzjoni meta jibda u jintemm?

Tweġiba: F'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar il-FEG, il-perjodu ta' implimentazzjoni jista' jibda:

- Fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG (deċiżjoni meħuda mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill), jew
- Qabel dan, fid-dati stipulati fl-applikazzjoni, meta l-Istat Membru jibda jġarrab in-nefqa definita fl-applikazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jibdew iġarrbu n-nefqa anke qabel ma jissottomettu l-applikazzjoni, li huwa l-każ normali.

Kull nefqa li tiġġarrab qabel id-data magħżula hija ineliġibbli.

Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li n-nefqa kollha mġarrba sakemm tittieħed deċiżjoni pożittiva dwar l-applikazzjoni mill-Awtorità Baġitarja tal-UE (jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill) hija riskju tal-Istat Membru applikant.

Fil-prattika, it-tul tal-perjodu ta' implimentazzjoni jista' jvarja: Jekk tibda fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, dan ikun eżattament 24 xahar. Jekk l-Istat Membru applikant jibda jġarrab xi ffit min-nefqa ppjanata qabel id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, il-perjodu ta' implimentazzjoni effettiv jista' jkun itwal minn 24 xahar (jiġifieri 24 xahar minbarra ż-żmien bejn il-bidu tan-nefqa u d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG).

7.4. Mistoqsija: Jekk benefiċjarju jirċievi appoġġ finanzjarju mill-FEG sabiex jibda n-negozju tiegħu stess, dan il-finanzjament jista' jintuża wara l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar?

Tweġiba: L-appoġġ finanzjarju għall-impjeg indipendenti, għall-ħolqien ta' negozju u għal akkwizzjonijiet maġġoritarji mill-impjegati ma jistax jaqbeż it-EUR 22,000 għal kull persuna. Fl-applikazzjonijiet tagħhom, l-Istati Membri se jfissru l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-benefiċjarji sabiex jirċievu l-kontribuzzjoni finanzjarja (fi kwalunkwe każ, in-negozju l-ġdid irid jiġi stabbilit qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni). Meta l-kontribuzzjoni finanzjarja titħallas għalkollox qabel jinbada n-negozju, il-benefiċjarji jistgħu jkomplu jużaw il-fondi wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni. Meta l-appoġġ finanzjarju jitħallas *ex post*, japplikaw id-dispożizzjonijiet **8.10** inkwistjoni.

Huwa biss l-iżborż effettiv tal-fondi lill-benefiċjarju finali li jrid jiġi ddokumentat għall-finijiet tal-awditjar tal-FEG. L-awdituri nazzjonali jistgħu javviċinaw lill-benefiċjarju sabiex isiru jafu jekk dawn ikunux użaw il-fondi f'perjodu ta' żmien miftiehem u għall-finijiet li jkunu ngħataw.

7.5. Mistoqsija: Il-finanzjament mill-FEG jista' jintuża wara l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar, eż. għal ħaddiema li jsegwu korsijiet wara dak il-perjodu?

Tweġiba: Le, b'eċċezzjoni waħda: it-tariffi għal korsijiet edukattivi jew ta' taħriġ itwal minn sentejn huma eliġibbli sad-data li fiha jrid ikun tlesta r-rapport finali, dment li dawk it-tariffi jkunu tħallu qabel id-data msemmija. Dan jeskludi kull nefqa oħra relatata ma' korsijiet, bħal kotba jew trasport. It-tieni, jekk id-data tar-rapport finali taqa' fi ħdan perjodu akkademiku bħal semestru jew term, u jekk dak il-perjodu jkollu jitħallas bis-sħiħ, allura tkun biss dik il-parti tat-tariffa relatata mal-perjodu qabel id-data tar-rapport finali li tkun eliġibbli, fuq bażi *pro rata*. Dan japplika għall-benefiċjarji kollha li jattendu korsijiet edukattivi jew ta' taħriġ itwal minn sentejn, irrispettivament mit-tul tal-kors li l-benefiċjarju jkun diġà attenda, jiġifieri japplika anke għal dawk li jkunu għadhom kemm bdew kors bħal dan.

8. BAĠIT U FINANZI

8.1. Mistoqsija: Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrifjutaw il-finanzjament mill-FEG propost mill-Kummissjoni?

Tweġiba: Iva. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw il-proposta tal-Kummissjoni. Fil-prattika, sa issa ġiet irrifjutata biss applikazzjoni waħda proposta lill-Awtorità Baġitarja, iżda tressqu mistoqsijiet dwar il-biċċa l-kbira minnhom.

8.2. Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jibbaġitjaw għal nefqa amministrattiva bħala parti minn applikazzjoni tal-FEG?

Tweġiba: Iva. L-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar il-FEG jipprevedi li, fil-baġit propost tagħhom, l-Istati Membri jinkludu kemm il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati kif ukoll attivitajiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-pakkett, jiġifieri attivitajiet ta' tħejija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, u ta' kontroll u rapportar.

L-istess rata ta' kofinanzjament tapplika għal dawn l-entrati kollha. Perċentwal raġonevoli għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni għandu jkun fl-inħawi ta' 4 % tal-baġit totali, f'konformità mad-[dispożizzjonijiet għall-FSE+](#). Perċentwal kemxejn oġhla jista' jkun aċċettabbli jekk jiġi ġġustifikat kif xieraq mill-Istat Membru. L-applikazzjoni trid tinkludi dettalji dwar in-nefqa amministrattiva proposta. Billi kemm il-komunikazzjoni kif ukoll il-kontroll u l-awditjar huma obbligatorji fl-implimentazzjoni tal-FEG, applikazzjoni tkun mistennija tinkludi ammonti xierqa għal kull wieħed minn dawn l-entrati jew inkella spjegazzjoni li din in-nefqa tiġġarrab mill-baġit tal-Istat.

8.3. Mistoqsija: Jekk applikazzjoni tal-FEG tibbaġitja nefqa ta' 4 % għal attivitajiet ta' implimentazzjoni iżda sa tmiem l-implimentazzjoni n-nefqa effettiva tkun ta' 7 % minħabba li jkun hemm anqas kostijiet milli mistenni b'rabta mal-attivitajiet, il-ħlas finali għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni jitnaqqas għal 4 %?

Tweġiba: Le. Il-kostijiet għall-implimentazzjoni tal-FEG jiġu miftiehma fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni. In-nefqa eliġibbli għall-implimentazzjoni tal-pakkett tal-FEG ippreżentat fir-rapport finali tiġi aċċettata, iżda żieda fil-perċentwal tan-nefqa amministrattiva fi ħdan il-kontijiet finali ġenerali trid tiġi spjegata kif xieraq u trid tiġi ġġustifikata.

8.4. Mistoqsija: Il-komunikazzjoni u l-kontroll u l-awditjar huma obbligatorji fl-implimentazzjoni tal-FEG. X'jiġri jekk ir-rekwiżiti ta' komunikazzjoni u kontroll u awditjar ma jiġux issodisfati biżżejjed jew ma jiġux issodisfati kollha?

Tweġiba: Konformità insuffiċjenti mar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni u ta' kontroll u awditjar tista' twassal għal korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa, b'mod partikolari fil-qafas tal-kontrolli fuq il-post imwettqa mis-servizzi tal-awditjar tal-Kummissjoni.

8.5. Mistoqsija: Minn liema data ssir eliġibbli n-nefqa bbaġitjata għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni?

Tweġiba: In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet, bħal hídma ta' tħejija jew il-ġbir ta' data, issir eliġibbli mid-data li fiha tiġġarrab mill-Istat Membru. Anke jekk l-implimentazzjoni ssir qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni, l-evidenza għall-awditjar trid tinġabar mill-bidu nett. L-aktar data bikrija għal nefqa bħal din hija d-data ta' meta

jitħabbru għall-ewwel darba s-sensji imminenti (pereżempju permezz ta' stqarrija għall-istampa mill-intrapriża li tkun qiegħda tagħti s-sensji).

Id-data li fiha l-Istat Membru jġarrab din in-nefqa amministrattiva għall-ewwel darba trid tiġi ddikjarata fl-applikazzjoni, u din id-data tissemma fil-proposta tal-Kummissjoni u fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament. Nefqa qabel din id-data ma tkunx eliġibbli.

8.6. Mistoqsija: Il-FEG jista' jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' korp li jirrappreżenta lill-ħaddiema ssensjati?

Tweġiba: Iva. Dment li dawn l-attivitajiet ikunu relatati direttament mal-għoti ta' għajjnuna lill-ħaddiema ssensjati f'każ partikolari tal-FEG, dawn ikunu eliġibbli u saħansitra mħeġġa. Dan l-appoġġ jista' jkopri wkoll l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Monitoraġġ għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-każ tal-FEG. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jikkostitwixxu miżuri fihom infushom jew jistgħu jiġu inklużi taħt l-intestatura "ġestjoni" tat-tabella finanzjarja. Id-dettalji għandhom jiġu deskritti fl-applikazzjoni.

8.7. Mistoqsija: Pakkett ta' miżuri tal-FEG jista' jinkludi miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali mwettqa għall-benefiċċju tal-ħaddiema inklużi fl-applikazzjoni?

Tweġiba: Le. L-Artikolu 7(3) tar-Regolament dwar il-FEG jistipula li l-FEG ma jistax jikkofinanzja miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali. Dawn jinkludu benefiċċji tal-qgħad mhux marbuta b'mod espliċitu ma' miżuri attivi, kif ukoll pensjonijiet tal-irtirar bikri.

L-Artikolu 7(3) jistipula wkoll li l-pakkett ta' miżuri tal-FEG jista' jinkludi miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għal meta wieħed ikun qiegħed ifittex impjieg, inċentivi ta' reklutaġġ tal-impjegaturi, allowances għall-mobbiltà, allowances għall-indoktratur u l-indukrar tat-tfal, jew allowances għal individwi li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja u taħriġ. L-eliġibbiltà tal-allowances b'limitu ta' żmien tiddependi wkoll fuq il-parteciċipazzjoni tal-benefiċjarju f'miżuri attivi matul il-perjodu li għalih tkun qiegħed tifhallas l-allowance.

F'konformità mal-Artikolu 7(2), l-allowances u l-inċentivi (jiġifieri kwalunkwe pagament dirett lill-benefiċjarju jew lill-impjegatur, minbarra dak għall-ħolqien ta' negozju, li għandu l-livell massimu tiegħu stess) ma jistax jaqbeż il-35% tal-kostijiet totali għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Dan il-perċentwal huwa applikat ukoll għaċ-ċifri ppreżentati fir-rapport finali.

8.8. Mistoqsija: Jistgħu jingħataw xi eżempji konkreti ta' miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali li mhumiex eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?

Tweġiba: Appoġġ passiv ta' protezzjoni soċjali mhux eliġibbli huwa dak mogħti lill-ħaddiem irrispettivament minn jekk iħejjix lilu nnihsu għal impjieg ġdid b'mod attiv. Dan jinkludi żamma u appoġġ tad-dħul għal min ikun qiegħed, indipendentement mill-parteciċipazzjoni ta' ħaddiem fil-miżuri kkofinanzjati mill-FEG, kif ukoll benefiċċji tal-irtirar bikri.

8.9. Mistoqsija: Huwa possibbli li jintużaw mezzi finanzjarji mill-pakkett tal-FEG sabiex jiġi kkofinanzjat ir-rapport finali meħtieġ skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar il-FEG?

Tweġiba: Iva. In-nefqa amministrattiva kollha hija eliġibbli sad-data ta' sottomissjoni tar-rapport finali. Din hija r-raġuni għalfejn fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament tiġi stabbilita skadenza differenti għal dawn l-entrati.

8.10. Mistoqsija: Il-miżuri kollha li ttejjdu b'appoġġ għall-ħaddiema jridu jifhallsu bis-siġħ sa tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni?

Tweġiba: L-attivitajiet iridu jkunu seħħew waqt il-perjodu ta' implimentazzjoni. Kontinwament jistgħu jifhallsu wara dan il-perjodu, iżda qabel id-data li fiha jrid ikun tlesta r-rapport finali (seba' xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni).

Meta l-appoġġ finanzjarju għal impjeg indipendenti, ħolqien ta' negozju u akkwiżizzjonijiet maġġoritarji mill-impjegati jifhallas *ex post*, jiġifieri meta l-ħlas ikun rimborż tal-kost m'ġarrab waqt l-istabbiliment ta' negozju fil-perjodu ta' implimentazzjoni, dan jista' jifhallas fi żmien seba' xhur minn tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, kif spjegat fil-paragrafu preċedenti. Meta l-appoġġ finanzjarju jifhallas għalkollox qabel jiġi stabbilit in-negozju, l-ammont eleġibbli jrid ikun tħallas lill-benefiċjarju qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.

Il-kostijiet li jinqalgħu wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni ma jistgħux jiġu kkofinanzjati mill-FEG, għajr korsijiet edukattivi jew ta' taħriġ itwal minn sentejn, fejn it-tariffi (iżda l-ebda kost anċillari) huma eliġibbli wkoll sad-data li fiha jrid ikun tlesta r-rapport finali. Għal aktar informazzjoni dwar dan l-aspett, ara l-Mistoqsija **7.5**.

8.11. Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jinkludu mikrokrediti għall-ħolqien ta' negozju bħala parti minn pakkett personalizzat?

Tweġiba: Il-finanzjament relatat mal-mikrokrediti huwa eliġibbli, iżda limitat fil-prattika. Xi eżempji jinkludu ħlasijiet ta' mgħax fuq mikrokrediti m'garrba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG, tariffi ta' konsulenza jew legali, il-kost ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju, eċċ. Billi n-nefqa kollha trid tkun iġġarbet matul il-perjodu ta' implimentazzjoni (jiġifieri s-self irid ikun kemm tħallas kif ukoll rimborżat qabel tmiem dan il-perjodu), din l-iskeda ta' żmien mhijiex xierqa għas-self. Għall-finijiet tal-ħolqien ta' negozju jew ta' akkwiżizzjoni, il-FEG jipprovdi l-possibbiltà ta' għotja.

8.12. Mistoqsija: Il-ħaddiema li jibbenefikaw minn mikrokrediti bħala parti mill-pakkett personalizzat tal-FEG jistgħu jirċievu wkoll finanzjament permezz ta' skema oħra ta' mikrokreditu tal-UE?

Tweġiba: Sabiex jiġi eskluż kull riskju ta' finanzjament doppju mill-istrumenti finanzjarji tal-UE (l-Artikolu 9(5) tar-Regolament dwar il-FEG), mikrokrediti intenzjonati għal inizjattivi għan-negozji l-ġodda (il-ħolqien ta' negozji) li jirċievu (ko)finanzjament minn żewġ sorsi tal-UE jkollhom jappoġġaw aspetti kompletament separati tan-negozju l-ġdid. Billi kull każ huwa differenti, huwa rakkomandat bil-qawwa li l-Istati Membri jitolbu l-parir tal-Kummissjoni qabel jipprogramaw l-użu ta' mikrokrediti minn aktar minn strument finanzjarju wieħed tal-UE.

8.13. Mistoqsija: Fl-applikazzjoni tiegħu għall-appoġġ mill-FEG, Stat Membru jista' jissepara miżuri sabiex jiġu ffinanzjati kompletament minn fondi nazzjonali u miżuri sabiex jiġu ffinanzjati kompletament mill-FEG?

Tweġiba: Le. L-Istati Membri jridu jippreżentaw pakkett integrat ta' miżuri għall-FEG u jitolbu l-kofinanzjament mill-FEG għall-pakkett siġħ. Kull miżura li għandha tiġi ffinanzjata kompletament mill-fondi nazzjonali għandha tiġi deskritta iżda mhux inkluża fil-pakkett ippreżentat għall-appoġġ mill-FEG.

8.14. Mistoqsija: Applikazzjoni tal-FEG tista' tinkludi kofinanzjament privat?

Tweġiba: Iva. Ir-Regolament dwar il-FEG ma jispeċifikax il-komponenti tal-kontribuzzjoni tal-Istat Membru. Madankollu, il-fondi privati, bħall-fondi pubbliċi, ma jistgħux jinkludu nefqa obligatorja skont id-dritt nazzjonali jew ftehim kollettiv. Kofinanzjament privat huwa wkoll soġġett għall-istess rekwiżiti ta' awditjar u kontroll tal-FEG bħall-kofinanzjament pubbliku. L-Istat Membru jibqa' responsabbli għall-kofinanzjament nazzjonali irrISPettivament mis-sorsi tiegħu.

8.15. Mistoqsija: Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid l-ammonti ta' finanzjament bejn l-entrati matul l-implimentazzjoni?

Tweġiba: Iva, l-Istati Membri għandhom il-flessibbiltà li jallokaw mill-ġdid l-ammonti bejn id-diversi entrati ta' dan il-pakkett, kif stipulat fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament, dment li ma jinqabiżx il-baġit totali stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Meta allokazżjoni mill-ġdid taqbeż żieda ta' 20 % għal linja waħda jew aktar fil-baġit (bħal fl-anness tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament), l-Istat Membru jrid jinnotifika lill-Kummissjoni minn qabel u jispjega kull allokazżjoni mill-ġdid.

L-allokazżjoni mill-ġdid tista' sseħħ fi ħdan il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jew fi ħdan l-attivitajiet ta' implimentazzjoni (bħat-tnejjija, il-ġestjoni, il-kontroll, eċċ.), u saħansitra bejn dawn iż-żewġ kategoriji wesgħin, dment li l-allokazżjoni mill-ġdid tkun f'konformità mal-ġestjoni finanzjarja tajba u mal-proporzjonalità, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok aqra wkoll il-Mistoqsijiet 8.2. u 8.5.

Fir-rapporti finali tagħhom, l-Istati Membri jridu jinkludu wkoll spjegazzjoni ċara dwar l-allokazżjonijiet mill-ġdid li jkunu saru matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

8.16. Mistoqsija: Jistgħu jiġu introdotti miżuri ġodda fil-baġit matul l-implimentazzjoni?

Tweġiba: Matul l-implimentazzjoni, l-Artikolu 17(4) tar-Regolament jipprevedi li l-Istat Membru jista' jissottometti proposta lill-Kummissjoni sabiex jiġu emendati l-miżuri elenkati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7(2) billi jiżdiedu azzjonijiet eliġibbli oħrajn, dment li dawn l-emendi jkunu ġġustifikati kif xieraq u li l-baġit totali ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija. Il-Kummissjoni tivvaluta l-emendi proposti u, jekk taqbel, tadotta u tinnotifika emenda għad-Deċiżjoni ta' Finanzjament lill-Istat Membru.

8.17. Mistoqsija: Fl-aħħar stadju tar-rapportar, x'jiġri jekk Stat Membru ma jkunx nefa fuq il-pakkett ta' miżuri daqskemm kien indika fl-applikazzjoni tiegħu?

Tweġiba: F'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament, l-Istat Membru jintalab jirrimborża l-parti mhux minfuqa tal-kontribuzzjoni ta' prefinanzjament mogħtija, kif stipulat fid-dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa sottomessa mill-Istat Membru mar-rapport finali tiegħu.

8.18. Mistoqsija: Il-kontribuzzjoni tal-FEG tista' tiġi kkanċellata kompletament jew parzjalment?

Tweġiba: Jekk wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi ddikjarati fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament jew ma jkunx qiegħed jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 23, il-Kummissjoni se titlob lill-Istat Membru sabiex jissottometti l-kummenti tiegħu. Jekk ma jintlaħaqx ftehim, il-Kummissjoni se tadotta Deċiżjoni ta' Finanzjament indirizzata lill-Istat Membru, fejn

tispjega l-kalkoli tagħha u teżiġi li l-Istat Membru jirrimborża l-kontribuzzjoni kollha jew parti minnha.

8.19. Mistoqsija: It-tagħmir użat bħala apparat għat-taħriġ, bħal laptops, projetturi tal-video jew kameras, huwa eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?

Tweġiba: Huma biss il-kostijiet ta' deprezzament li jseħħu matul l-implimentazzjoni ta' każ tal-FEG li huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG.

Tagħmir li jintuża bħala apparat għat-taħriġ għal miżura waħda jew aktar kofinanzjati mill-FEG, bħal laptops, projetturi tal-video jew kameras, jistgħu jitqiesu bħala marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-miżura. Dment li t-tagħmir jitniżżel f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa u l-kontabbiltà, il-proporzjon tad-deprezzament tat-tagħmir li jikkorrispondi għad-durata tal-użu relatat mal-FEG jista' jiġi ddebitat għall-kontijiet tal-FEG. Ir-rekords tal-awditjar iridu jkun ċari u dokumentati b'mod korrett.

Eżempju: Il-prezz tax-xiri ta' oġġett użat bħala apparat għat-taħriġ huwa EUR 800 u l-perjodu ta' deprezzament ta' dan l-oġġett skont ir-regoli nazzjonali huwa ta' erba' snin (jiġifieri deprezzament fix-xahar: EUR 800 / 48 xahar = EUR 16.7). F'każ li l-apparat għat-taħriġ ikun intuża għal miżura ta' taħriġ waħda jew aktar tal-FEG tul 20 xahar, allura EUR 16.7 x 20 xahar = total ta' EUR 334 jista' jiġi ddebitat għall-kontijiet tal-FEG.

8.20. Mistoqsija: Fl-Istati Membri fejn it-tagħlim huwa "mingħajr ħlas", jista' jiġi inkluż il-kost medju *per capita* tal-edukazzjoni?

Tweġiba: Meta beneficijarju tal-FEG ikun involut f'edukazzjoni terzjarja, il-FEG jista' jikkofinanzja t-tagħlim rilevanti irrispettivament minn jekk it-tagħlim ikunx ikopri l-kost tal-edukazzjoni kompletament jew parzjalment. Jekk it-tagħlim ikun mingħajr ħlas, allura ma jkunx hemm kost tat-tagħlim li għandu jiġi kkofinanzjat.

8.21. Mistoqsija: Il-miżuri implimentati barra mill-UE jew barra mill-Istat Membru li jkun talab l-appoġġ mill-FEG huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?

Tweġiba: Il-miżuri jiġu pprovvuti kemm jista' jkun qrib il-benefiċjarji eliġibbli, sabiex jiġu ffaċilitati kemm il-parteciċipazzjoni kif ukoll il-ġestjoni u l-kontroll tal-miżuri. Madankollu, Stat Membru jista' jagħżel li jimplimenta miżuri fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż mhux tal-UE, billi r-Regolament ma jillimitax fejn jistgħu jseħħu l-miżuri.

L-awtorità ta' ġestjoni trid tevalwa l-konvenjenza tal-implimentazzjoni barra mit-territorju nazzjonali, bit-teħid inkunsiderazzjoni wkoll tal-piż addizzjonali f'termini ta' ġestjoni u kontroll tal-miżuri.

8.22. Mistoqsija: Il-miżuri li għandhom l-għan ta' riintegrazzjoni fl-impjieg fi Stat Membru differenti jew f'pajjiż mhux tal-UE huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEG?

Tweġiba: Il-miżuri għandhom jirriflettu l-ħtiġijiet prospettivi tas-suaq tax-xogħol lokali, reġjonali jew nazzjonali. Madankollu, fejn rilevanti, il-mobilità tal-ħaddiema ssensjati tista' tiġi appoġġata sabiex tgħin hom isibu impjegi ġodda xi mkien ieħor.

8.23. Mistoqsija: Benefiċjarju li jirċievi appoġġ finanzjarju sabiex jibda n-negozju tiegħu stess jista' jirċievi wkoll appoġġ finanzjarju mill-FEG għal dan il-għan?

Tweġiba: Sabiex jiġi evitat finanzjament doppju, il-finanzjament minn sorsi differenti ma jistax ikopri l-istess nefqa. Pereżempju, benefiċjarju jirċievi kontribuzzjoni sabiex jiġi appoġġat negozju ġdid minn programm nazzjonali jew reġjonali, kif ukoll kontribuzzjoni tal-FEG ta' € 20,000 għall-ħolqien ta' negozju. Il-kontribuzzjoni għall-programm nazzjonali tintuża sabiex tkopri l-kost tal-istabbiliment, bħall-kost tar-reġistrazzjoni tal-intrapriża, it-tariffi tal-konsulenti legali/tal-avukat, eċċ.; filwaqt li l-kontribuzzjoni tal-FEG tintuża sabiex jinxtraw tagħmir jew oġġetti, eċċ.

Il-benefiċjarju jrid jistabbilixxi rekord tal-awditjar ċar tal-użu tad-diversi ammonti riċevuti.

L-ammonti li l-benefiċjarju jirċievi minn sorsi nazzjonali oħrajn ma jistgħux jingħaddu fid-dikjarazzjoni tan-nefqa tal-FEG bħala kontribuzzjoni nazzjonali.

8.24. Mistoqsija: Meta benefiċjarju jirċievi appoġġ finanzjarju sabiex jibda n-negozju tiegħu stess minn diversi sorsi, l-ammont totali riċevut jista' jaqbeż il-limitu stabbilit mir-Regolament dwar il-FEG ta' EUR 22,000?

Tweġiba: Il-limitu ta' EUR 22,000 stabbilit mir-Regolament dwar il-FEG għall-investiment għal impjieg indipendenti japplika biss għall-ammont kofinanzjat mill-FEG.

8.25. Jistgħu jintużaw għażliet ta' kostijiet issimplifikati fil-każijiet tal-FEG?

Tweġiba: Ir-Regolament dwar il-FEG ma jirreferix b'mod espliċitu għall-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati (simplified cost options, SCOs). Madankollu, l-Artikolu 17(3) tar-Regolament dwar il-FEG huwa pjuttost wiesa' u fformulat b'mod miftuħ, u jista' jinqara li jippermetti l-SCOs, jekk dan l-użu jiġi stipulat b'mod ċar fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.

Għalkemm SCO diġà adottata f'fondi oħrajn bħall-FSE/FSE+ ma tistax tiġi applikata awtomatikament għall-każijiet tal-FEG, ir-rati tat-tali SCO jistgħu jintużaw fil-FEG jekk jiġu deskritti fil-applikazzjoni, u dan jippermetti l-inklużjoni tagħha fil-proposta għad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG u d-deċiżjoni ta' finanzjament relatata.

8.26. Ir-Regolamenti, bħar-Regolament (UE) 2021/702 dwar id-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, jistgħu jiġu applikati fil-kuntest tal-FEG?

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali atti huwa limitat għall-operazzjonijiet taħt il-fond speċifiku li jkopri - għalhekk filwaqt li r-rati potenzjalment jistgħu jintużaw f'fondi oħrajn, it-tali użu għandu jiġi awtorizzat f'konformità mar-regoli finanzjarji rilvanti, jiġifieri r-Regolament dwar il-FEG f'dan il-kuntest (ara FAQ 8.25).

8.27. Huwa possibbli li wieħed jagħżel li juża l-SCOs b'mod retroattiv, anki jekk l-użu tagħhom ma kienx previst fl-istadju tal-applikazzjoni, bl-istess mod li huwa possibbli li wieħed iżid miżuri ġodda fi stadju aktar tard?

Le, mhux possibbli li wieħed jagħżel li juża l-SCOs b'mod retroattiv, jekk l-użu possibbli tagħhom ma jkunx ġie mħabbar fl-istadju tal-applikazzjoni. It-termini dettaljati tal-finanzjament tal-FEG huma determinati mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja (l-Artikolu 17.3). Tali deċiżjoni tista' tiġi emendata biex jiġu miżjuda miżuri addizzjonali biss kif previst fl-Artikolu 17.4.

9. PROĊEDURI U SKEDI TA' ŻMIEN

9.1. Mistoqsija: Kif tista' tiġi sottomessa applikazzjoni għal kofinanzjament tal-FEG?

Tweġiba: Applikazzjoni tal-FEG għandha tiġi sottomessa permezz tal-[SFC2021](#), fejn hemm formola ta' applikazzjoni online. Jekk jogħġbok iċċekkja mal-Persuna ta' Kuntatt tal-FEG għall-Istat Membru tiegħek li huwa intitolat jimla u jivvalida din il-formola għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni.

9.2. Mistoqsija: Hemm skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni?

Tweġiba: Id-data l-aktar tardiva li fiha tista' tiġi sottomessa applikazzjoni (l-"iskadenza") hija kkalkolata kif ġej (ara l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar il-FEG):

- perjodu referenzjarju ta' erba' xhur jew sitt xhur,
- minbarra 12-il ġimgħa għat-tnejn tal-applikazzjoni.

Applikazzjonijiet sottomessi wara dik id-data mhumiex eliġibbli.

9.3. Mistoqsija: Kif għandhom jiġu kkalkolati d-diversi perjodi ta' żmien, jiġifieri x-xhur u l-ġimgħat stipulati fir-Regolament dwar il-FEG, bħall-perjodu referenzjarju, it-12-il ġimgħa sas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, tmien il-fażi ta' implimentazzjoni tal-FEG jew id-data għas-sottomissjoni tar-rapport finali?

Tweġiba: Il-perjodu ta' **12-il ġimgħa** għat-tnejn u s-sottomissjoni ta' applikazzjoni (l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar il-FEG) jibda fl-aħħar jum tal-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur jew sitt xhur, u jntemm 12-il ġimgħa wara fl-istess jum tal-ġimgħa. Eżempju: jekk l-aħħar jum tal-perjodu referenzjarju jkun nhar **l-Erbgħa** s-6.10.2021, l-aħħar jum għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni jkun nhar **l-Erbgħa** d-29.12.2021.

Il-perjodu referenzjarju ta' **4 jew 6 xhur** (l-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-FEG) huwa kkalkolat minn data sa data - pereżempju: mis-**6.6.2021** sas-**6.10.2021**. Eċċezzjoni: meta l-istess data ma tkunx teżisti fix-xahar rilevanti, pereżempju: mill-**31.10.2021** sat-**28.2.2022** (minflok il-31.2).

Il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' **24 xahar** mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament (l-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar il-FEG) huwa kkalkolat minn data sa data – pereżempju: id-data tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament fis-**16.12.2021** – l-aħħar jum tal-perjodu ta' implimentazzjoni fis-**16.12.2023**.

L-istess jgħodd għas-**7 xhur** (l-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar il-FEG) li fihom l-Istati Membri jridu jissottomettu r-rapporti ta' implimentazzjoni finali tagħhom – eżempju: l-aħħar jum tal-perjodu ta' implimentazzjoni fis-**16.12.2023** ifisser li l-aħħar jum għas-sottomissjoni tar-rapport ikun is-**16.7.2024**.

Eċċezzjoni: Jekk id-data ta' skadenza tkun is-Sibt, il-Fadd jew btala pubblika, din tinbidel għall-jum ta' xogħol ta' wara.

L-approċċ deskritt hawn fuq sabiex jiġu kkalkolati x-xhur u l-ġimgħat huwa bbażat fuq ir-[Regolament \(KEE, Euratom\) Nru 1182/71](#) tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971.

9.4. Mistoqsija: Stat Membru jista' jforni informazzjoni addizzjonali wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-appoġġ mill-FEG?

Tweġiba: Iva, u fil-biċċa l-kbira mill-każijiet dan se jkun meħtieġ. Wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha għaxart ijiem ta' xogħol² li matulhom tista' tistaqsi mistoqsijiet ta' segwitu dwar kwalunkwe kwistjoni li ma tkunx ċara biżżejjed fl-applikazzjoni (l-Artikolu 8(4) tar-Regolament dwar il-FEG). L-Istat Membru għandu 15-il jum ta' xogħol sabiex iwieġeb (l-Artikolu 8(5)). Wara din l-iskadenza, il-Kummissjoni tivvaluta l-applikazzjoni abbażi tal-informazzjoni li tkun irċeviet.

L-iskadenza ta' 15-il jum ta' xogħol għat-tweġiba mill-Istat Membru tista' tiġi estiża b'għaxart ijiem ta' xogħol oħra (l-Artikolu 8(5) tar-Regolament dwar il-FEG) jekk l-Istat Membru jibgħat talba lill-Kummissjoni li fiha jispjega għalfejn jeħtieġ aktar żmien.

9.5. Mistoqsija: Kemm jgħaddi żmien bejn l-applikazzjoni għall-appoġġ mill-FEG u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament?

Tweġiba: L-iskeda ta' żmien normali hija kif ġej:

Qabel tapplika

- perjodu referenzjarju ta' erba' jew sitt xhur sabiex l-Istat Membru jgħodd is-sensji.
- 12-il ġimgħa sabiex l-Istat Membru jħejji u jissottometti applikazzjoni.

Wara li tapplika

- għaxart ijiem ta' xogħol sabiex il-Kummissjoni tiġbor kull informazzjoni pendenti.
- 15-il jum ta' xogħol sabiex l-Istat Membru jipprovi l-informazzjoni pendenti.
- 50 jum ta' xogħol sabiex il-Kummissjoni tthejji u tadotta proposta għal Deċiżjoni.

F'okkażjonijiet rari, din l-iskeda ta' żmien tista' tiġi estiża:

- Jekk tkun meħtieġa traduzzjoni tal-applikazzjoni, l-iskeda ta' żmien tibda tapplika biss wara li tkun tlestiet it-traduzzjoni.
- Jekk l-Istat Membru jkun iġġustifika kif xieraq id-diffikultajiet sabiex iwieġeb għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni fi ħdan il-perjodu ta' 15-il jum ta' xogħol, dan jista' jittlob għaxart ijiem ta' xogħol oħra.
- Jekk, b'mod eċċezzjonali, il-Kummissjoni ma tkunx tista' tlesti l-valutazzjoni tagħha fi żmien 50 jum ta' xogħol, hija jkollha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat filwaqt li tispjega r-raġunijiet għad-dewmien u tistabbilixxi data ġdida għall-ikkompletar tal-valutazzjoni tagħha. Id-data l-ġdida trid tiġi stabbilita fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-iskadenza oriġinali.
- Jekk il-fondi ma jkunux biżżejjed f'sena partikolari (jiġifieri jekk l-appropriazzjonijiet ta' impenn disponibbli għall-FEG ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru l-ammont ta' assistenza skont il-proposta tal-Kummissjoni), l-adozzjoni tal-proposta tista' tiġi

² Il-btajjel pubbliċi tal-Kummissjoni Ewropea fl-[2024](#) u fl-[2025](#)

posposta sakemm l-approprijazzjonijiet ta' impenn ikunu disponibbli fis-sena ta' wara.


Il-Kummissjoni tivvaluta l-applikazzjonijiet u tipproponi Deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG lill-Awtorità Baġitarja (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill). L-Awtorità baġitarja għandha sitt ġimgħat sabiex tapprova jew tirrifjuta l-finanzjament rilevanti.

Meta l-Awtorità Baġitarja tinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni tal-mobilizzazzjoni tal-FEG, id-Deċiżjoni ta' Finanzjament tidħol fis-seħħ u l-Kummissjoni tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru fi ħlas wieħed ta' prefinanzjament ta' 100 %, fil-prinċipju fi żmien 15-il jum ta' xogħol.

Il-proċess kollu, mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni sal-ħlas, idum 24 ġimgħa.

Skeda ta' żmien

Skeda ta' żmien mill-bidu tal-adozzjoni



9.6. Mistoqsija: L-Istat Membru kif jiġi informat dwar l-iskadenzi u l-obbligi wara l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu?

Tweġiba: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru (id-Deċiżjoni ta' Finanzjament) tintbagħat lir-Rappreżentant Permanenti tal-Istat Membru rilevanti għall-UE. Id-Deċiżjoni ta' Finanzjament tinkludi l-iskadenzi għall-implimentazzjoni, ir-rapportar u l-evalwazzjoni, u l-baġit smat għall-miżuri ppjanati, kif ukoll in-numru smat ta' parteċipanti.

Huwa importanti ħafna li l-Istat Membru jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament u msemmija fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament. L-Istat Membru għandu jaqraha b'reqqa kbira u, f'każ ta' xi żball fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament, għandu jikkuntattja lill-Kummissjoni minnufih sabiex dan jiġi kkoreġut.

Separatament, il-Kummissjoni se tikkomunika d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

9.7. Mistoqsija: X'inhil-proċedura ta' deżinjazzjoni għall-esperti li jridu jiġu kkonsultati mill-Kummissjoni qabel ma jiġi adottat att delegat?

Tweġiba: Il-[Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Regolamentazzjoni Aħjar](#) jistabbilixxi li hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jiddeċiedi liema esperti għandhom jipparteċipaw f'ismu, mingħajr ma jifformalizza proċedura għall-ħatra ta' dawn l-esperti. Għalhekk, huwa fid-diskrezzjoni tal-Istat Membru kif jiġu ddeżinjati l-esperti.

9.8. Mistoqsija: Il-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 26 tar-Regolament dwar il-FEG għandu l-istess konfigurazzjoni tal-grupp ta' esperti li jrid jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni ta' att delegat?

Tweġiba: Il-kumitat sabiex jassisti lill-Kummissjoni (l-Artikolu 26) huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Istat Membru kif jiġu ddeżinjati l-membri tal-kumitat.

Stat Membru jista' jagħżel li jkun irrappreżentat minn persuni differenti jew mill-istess persuna: bħala membru tal-kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, bħala espert li għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni qabel ma tadotta att delegat u bħala persuna ta' kuntatt għall-FEG.

10. INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ

10.1. Mistoqsija: Liema attivitajiet ta' komunikazzjoni huma mistennija mill-Istati Membri?

Tweġiba: L-Artikolu 12(1) tar-Regolament dwar il-FEG jistabbilixxi min għandu jiġi informat dwar il-finanzjament mill-Unjoni, u jiddikjara li l-Istat Membru kkonċernat irid jipprovdi informazzjoni dwar il-FEG u l-miżuri kkofinanzjati minnu, filwaqt li jiżgura li l-kontribuzzjoni mill-FEG tkun viżibbli u enfasizzata. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jagħżel azzjonijiet ta' komunikazzjoni xierqa f'konformità mal-partikolaritajiet nazzjonali.

Il-ħolqien ta' sit web huwa eżempju tajjeb ta' komunikazzjoni, billi jiġbor f'għodda waħda l-informazzjoni kollha indirizzata lill-ħaddiema kkonċernati, lis-sħab soċjali, lill-media u lill-pubbliku ġenerali. L-għoti ta' informazzjoni lill-benefiċjarji tal-kofinanzjament mill-UE matul sessjonijiet ta' informazzjoni kollettivi jew bilaterali huwa prattika milqugħa tajba wkoll, kif ukoll opportunità tajba sabiex jiġi informazzjoni li se jtnieda s'f'arrig' dwar il-benefiċjarji fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni tteġġeg' ukoll l-użu tal-media soċjali, it-tixrid ta' materjali bħal posters, videos, fuljetti, eċċ., u t-tixrid ta' materjali għall-istampa.

Il-materjali ta' komunikazzjoni u viżibbiltà żviluppata b'rabta mal-FEG b'mod ġenerali u ma' każ b'mod partikolari għandhom ikunu ħielsa mir-royalties, u l-Unjoni għandha tingħata liċenzja mhux esklużiva u irrevokabbli sabiex tużahom. Dawn il-materjali jkunu disponibbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni fuq talba tagħhom.

L-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jlaqqa' konferenza, pereżempju lejn tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG, fejn titqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-FEG u dwar ir-riżultati tal-miżuri. L-ambitu tal-konferenza jista' jvarja minn lokali għal internazzjonali, iżda f'kull każ għandu jattira l-kopertura tal-media.


Il-kostijiet tal-attivitajiet ta' informazzjoni u tal-materjal pubbliċitarju jistgħu jiġu koperti mill-baġit kkofinanzjat mill-FEG bħala parti min-nefqa amministrattiva. Il-Mistoqsijiet **8.2.** u **8.5.** jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-baġit rilevanti.

Ara l-Mistoqsija **8.4.** għall-konsegwenzi tal-konformità insuffiċjenti mar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni.

10.2. Mistoqsija: Huwa biżżejjed li tingħata informazzjoni dwar l-għajnuna mill-FEG fil-post fejn iseħħu l-miżuri finanzjati mill-FEG?

Tweġiba: Le. Huwa essenzjali li jitqiegħed sinjal bil-bandiera Ewropea u bid-dikjarazzjoni "Kofinanzjat mill-UNJONI EWROPEA"³ jekk il-ħaddiema kollha jużaw l-istess post, iżda huwa mistenni aktar skont iċ-ċirkustanzi. Jekk ikun possibbli, il-ħaddiema għandhom jiġu informati individwalment. L-informazzjoni kollha, bħal-letteratura, il-fuljetti jew il-posters, għandha tinkludi l-bandiera Ewropea u d-dikjarazzjoni. Huwa importanti li jissemma' l-appoġġ mill-FEG fuq is-siti web rilevanti. L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jikkomunikaw mal-istampa, jiżguraw il-kopertura mit-TV, jorganizzaw laqgħat mas-sħab soċjali, ilaqqgħu konferenza, eċċ. Il-baġit propost għal dawn l-attivitajiet għandu jieħu kont ta' dawn il-ħtiġijiet. Iż-żjarat ta' awditjar jiċċekkjaw jekk l-appoġġ mill-FEG ikunx ġie ppubbliċizzat sew.

- 3 Hija biss il-bandiera Ewropea li tista' tintuża sabiex jiġi enfasizzat l-appoġġ mill-Unjoni.



Il-bandiera Ewropea trid tidher b'mod prominenti fuq il-materjali ta' komunikazzjoni kollha (bħal prodotti stampati jew diġitali, siti web u meta dawn jidher fuq il-mobiles) relatati mal-implimentazzjoni ta' każ, li jintużaw għall-pubbliku jew għall-parteċipanti.

Id-dikjarazzjoni "Konfinanzjat mill-UNJONI EWROPEA" dejjem għandha tinkiteb sħiħa u titqiegħed ħdejn il-bandiera. Din ma tistax tiġi mmodifikata jew amalgamata ma' xi element grafiku jew test ieħor.

Hija biss it-tipa: Għad-dikjarazzjoni jistgħu jintużaw Arial, Auto, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma, Verdana jew Ubuntu. Ma għandhomx jintużaw varjazzjonijiet jew effetti tat-tipa bħall-korsiv jew is-sottolinjar.

L-ebda test ma jista' jinterferixxi mal-bandiera Ewropea. Id-daqs tat-tipa li jintuża jrid ikun proporzjonali għad-daqs tal-bandiera. Il-kulur tat-tipa għandu jkun blu reflex, iswed jew abjad, skont l-isfond.

Il-bandiera Ewropea ma tistax tiġi mmodifikata jew amalgamata ma' xi element grafiku jew test ieħor. Barra minn hekk, jekk jintwerew logos oħrajn, dawn ma jistgħux ikunu akbar mill-bandiera.

Jekk jogħġbok iċċekkja l-[Linji gwida dwar l-użu korrett tal-emblema tal-UE \(il-bandiera\) fil-kuntest tal-programmi tal-UE](#).

Dawn iż-żewġ elementi viżwali ([il-bandiera u d-dikjarazzjoni ta' finanzjament](#)) jistgħu jtinizzlu minn [hawn](#).

10.3. Mistoqsija: Huwa possibbli li ssir evalwazzjoni (studju dwar l-effett tal-miżuri finanzjati) bil-fondi tal-FEG, f'konformità mal-Artikolu 7(5)?

Tweġiba: Iva, dan huwa possibbli u jintlaqa' tajjeb mill-Kummissjoni. Baġit għall-istudju jrid jiġi inkluż fl-applikazzjoni, u r-riżultati jridu jiġu inklużi fir-rapport finali mibgħut lill-Kummissjoni.

10.4. Mistoqsija: Skont l-Artikolu 7(5), l-attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-pakkett tal-FEG. Jistgħu jingħataw eżempji konkreti ta' miżuri bħal dawn?

Tweġiba: Il-ġestjoni hija t-tħaddim tal-programm, is-supervizzjoni ġenerali, l-istabbiliment ta' linji gwida, l-iżguraw li l-fondi jilħqu l-persuni li suppost jilħqu u li jitwettqu l-miżuri. Il-ġestjoni twassal mill-Ministeru sal-korpi fejn ikunu qegħdin iseħħu l-attivitajiet.

Il-kontroll huwa l-iċċekkjar jekk is-sistema ta' ġestjoni tkunx qiegħda taħdem sew, inkluż l-istabbiliment tal-proċeduri ta' awditjar meħtieġa kollha u t-twettiq tal-attivitajiet ta' awditjar meħtieġa, għal darb' oħra miċ-ċentru sal-korpi li jimplimentaw l-attivitajiet.

11. ĠESTJONI, AWDITJAR U EVALWAZZJONI

11.1. Mistoqsija: Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-FEG għandha tkun l-istess bħal dik għall-Fondi Strutturali?

Tweġiba: Filwaqt li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu kif jiġġestixxu l-FEG, jista' jkun konvenjenti għalihom li jużaw l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fondi Strutturali, għal diversi raġunijiet:

- (1) Stat Membru ma jistax japplika għall-għajnuna mill-FEG ta' spiss; għalhekk, jista' ma jkunx meħtieġ l-istabbiliment ta' struttura separata;
- (2) billi l-komplementarjetà bejn l-FSE+ u l-FEG trid tiġi żgurata mill-Istat Membru, jista' jkun ta' għajnuna jekk l-awtorità ta' ġestjoni għall-FSE+ tkun reponsabbli wkoll mill-FEG, jew li jkun hemm relazzjoni mill-qrib bejniethom it-tnejn;
- (3) jekk is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tkun komuni, ir-riżultati ta' awditjar tas-sistemi tal-FSE+ jistgħu jintużaw ukoll għall-finijiet tal-FEG.

Anke jekk tintuża s-sistema tal-FSE+, ikun jagħmel sens li s-sistema tiġi adattata għall-ħtiġijiet (ħafna aktar sempliċi) tal-FEG. Irrispettivament minn liema sistema l-Istat Membru jiddeċiedi li juża, din trid tiġi deskritta fl-applikazzjoni tal-FEG tiegħu.

11.2. Mistoqsija: L-Istati Membri jistgħu jużaw sistema ta' awditjar differenti għall-FEG, minbarra dik stabbilita għall-FSE+?

Tweġiba: Iva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti tal-awditjar tagħhom ikunu xierqa u trasparenti. Il-Kummissjoni tista' tagħti parir jekk tintalab tagħmel dan.

11.3. Mistoqsija: X'inhu l-iskop tal-istħarriġ dwar il-benefiċjarji f'konformità mal-Artikolu 22(4)?

Tweġiba: L-istħarriġ dwar il-benefiċjarji għandu l-għan li jiġbor *data* dwar il-bidla perċepita fl-impjegabbiltà tal-benefiċjarji, jew inkella għal dawk li diġà jkunu sabu

impjieg, dwar il-kwalità tal-impjieg li jkunu sabu, bħall-bidla fis-sigħat tax-xogħol, it-tip ta' kuntratt ta' impjieg (full time/part time; terminu fiss/terminu miftuħ), il-livell ta' responsabbiltà jew il-bidla fil-livell tas-salarju bi tqabbil mal-impjieg preċedenti u s-settur.

L-istħarriġ dwar il-benefiċjarji se jgħin sabiex ikun hemm fehim aktar ċar tal-valur miżjud mill-interventi tal-FEG, u għalhekk se jkun għodda ewlenija għall-iżvilupp ulterjuri tal-Fond.

L-informazzjoni tiġi mqasma skont il-ġeneru, il-grupp ta' età, il-livell ta' edukazzjoni u l-livell ta' esperjenza professjonali.

11.4. Mistoqsija: X'inhu r-rwol tal-Istati Membri tal-istħarriġ dwar il-benefiċjarji?

Tweġiba: L-istħarriġ dwar il-benefiċjarji se jsir fis-sitt xahar wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' kull każ, sabiex tinġabar id-*data* u jiġu ffaċilitati l-evalwazzjonijiet futuri. L-istħarriġ għandu jkun miftuħ għall-parteciċipanti għal mill-anqas erba' ġimgħat.

L-Istati Membri jħeġġu l-parteciċipazzjoni tal-benefiċjarji billi jibagħtu l-istedina għall-parteciċipazzjoni u mill-anqas tfakkira waħda. Meta l-Istati Membri jagħtu informazzjoni dwar il-possibbiltà li jiġi riċevut appoġġ mill-FEG, il-benefiċjarji għandhom jiġu informati wkoll li se jkun hemm stħarriġ fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni. L-Istati Membri jridu jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-isforzi li jkunu saru sabiex jintlaħqu l-benefiċjarji.

Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn il-każijiet, il-Kummissjoni tfassal il-mudell għall-istħarriġ dwar il-benefiċjarji f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u tipprovdi traduzzjoni fil-lingwi kollha tal-UE. Il-Kummissjoni tistabbilixxi wkoll kif u meta se jsir l-istħarriġ.

11.5. Mistoqsija: X'inhu r-rwol tal-Istati Membri fl-evalwazzjoni tal-FEG?

Tweġiba: Ir-Regolament dwar il-FEG jipprevedi evalwazzjoni ta' nofs it-terminu sat-30 ta' Ġunju 2025 u evalwazzjoni *ex post* sal-31 ta' Diċembru 2029. Iż-żewġ evalwazzjonijiet iridu jinkludu statistika rilevanti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, imqasma skont is-settur u l-Istat Membru. Il-Kummissjoni se tiġbor u tanalizza wkoll l-indikaturi li l-Istati Membri jridu jipprovdu flimkien mar-rapport finali, kif ukoll ir-riżultati tal-istħarriġ dwar il-benefiċjarji, u tużahom għal finijiet ta' evalwazzjoni.

Dawn l-evalwazzjonijiet isiru mill-Kummissjoni bl-għajjnuna ta' esperti esterni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-kwalità tar-rapporti finali għandha impatt dirett fuq l-output tal-esperti.

L-Istati Membri huma mitluba jipprovdu lill-evalwaturi bil-listi ta' ħaddiema megħjuna mill-FEG, imħejjija fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar, sabiex dawk il-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati. Tista' tintalab informazzjoni rilevanti oħra mill-Istati Membri u r-rappreżentanti tagħhom jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw f'laqgħat tekniċi organizzati mill-Kummissjoni.

11.6. Mistoqsija: Xi ffisser komplementarjetà?

Tweġiba: Komplementarjetà tista' tiqqara bħala "l-evitar ta' finanzjament doppju" u bħala "kombinament tar-riżorsi disponibbli".

Sabiex jiġi evitat finanzjament doppju, l-istess miżura ma tistax tiġi ffinanzjata minn żewġ Fondi tal-UE jew aktar. Għal dan il-għan, in-nefqa tal-FEG trid tkun identifikabbli separatament fis-sistema ta' informazzjoni tal-Istat Membru.

Madankollu, huwa possibbli li taħlita ta' riżorsi tiffinanzja l-pakkett ta' miżuri, jiġifieri xi wħud mill-miżuri fil-pakkett jistgħu jiġu kkofinanzjati mill-FSE+ filwaqt li oħrajn jiġu ffinanzjati biss minn riżorsi nazzjonali jew kofinanzjati mill-FEG.

L-applikazzjoni trid tiddeskrivi l-pakkett ta' miżuri li se jiġu offruti lill-ħaddiema ssensjati u tidentifika s-sorsi ta' (ko)finanzjament kif xieraq.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tat-tibdil u r-istrutturar, l-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament dwar il-FEG jeħtieġ li, kull meta jkun possibbli, tiġi indikata l-komplementarjetà tal-miżuri tal-FEG ma' dawk finanzjati minn programmi oħrajn tal-Unjoni jew nazzjonali.

12. RAPPORTAR U GĦELUQ

12.1. Mistoqsija: Ir-rapport finali meta għandu jintbagħat lill-Kummissjoni?

Tweġiba: Ir-rapport finali (l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-FEG) irid jintbagħat lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn seba' xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni. L-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali hija indikata fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament tal-Kummissjoni.

Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jagħlqu l-pakkett ta' miżuri personalizzati qabel tmiem il-perjodu ta' 24 xahar mid-data tal-applikazzjoni, dan ma jibdilx id-data sa meta għandu jitlestha r-rapport finali.

12.2. Mistoqsija: X'informazzjoni trid tiġi inkluża fir-rapport finali u x'inhuma r-reqwiziti formali?

Tweġiba: L-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-FEG jipprevedi li r-rapport finali għandu jippreżenta informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Ir-rapport finali jrid jinkludi l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 20 flimkien mal-opinjoni tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 23(3), u għandu jiġi approvat minn uffiċjal b'mandat sabiex jibgħat dan ir-rapport f'isem l-Istat Membru. Dan jista' jkun l-uffiċjal li oriġinarjament ikun issottometta l-applikazzjoni, jew inkella uffiċjal ieħor iddeżinjat mill-awtoritajiet tal-Istat Membru.

Ir-rapport finali għandu jiġi sottomess permezz tal-[SFC2021](#) mhux aktar tard mid-data stabbilita mir-Regolament dwar il-FEG u msemmija fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament tal-każ.

12.3. Mistoqsija: X'inhuma r-regoli għad-dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa finanzjata mill-FEG (l-Artikolu 20(1)(e))?

Tweġiba: Kif stabbilit fl-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament dwar il-FEG, dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa hija parti integrali mir-rapport finali. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudell disponibbli bħala parti mill-mudell tar-rapport finali fl-[SFC2021](#).

Bil-validazzjoni tad-dikjarazzjoni, l-awtorità ddeżinjata tiċċertifika li l-operazzjonijiet ġew implimentati f'konformità mar-regoli Ewropej u nazzjonali applikabbli, mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-FEG u mad-Deċiżjoni ta' Finanzjament tal-FEG. L-awtorità tiċċertifika wkoll li t-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-kontribuzzjoni tal-FEG huma legali u li n-nefqa kollha inkluża fid-"dikjarazzjoni tan-nefqa" tikkonforma mal-kriterji għall-eliġibbiltà tan-nefqa stipulati fir-Regolament dwar il-FEG, kif ukoll li din fil-fatt tħallset.

12.4. Mistoqsija: Hemm konsegwenzi jekk l-opinjoni tal-awditjar ma tasalx flimkien mar-rapport finali?

Tweġiba: L-opinjoni tal-awditjar hija parti integrali mir-rapport finali u trid tiġi riċevuta flimkien miegħu. Dewmien ta' xhur jew sena fil-forniment ta' opinjoni tal-awditjar iqajjem dubji dwar l-effettività tal-arranġamenti ta' kontroll stabbiliti sabiex jiġi żgurat l-użu korrett u effiċjenti tal-fondi tal-UE f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

L-eżistenza ta' sistema ta' kontroll li tiffunzjona sew hija wieħed mill-elementi meqjusa mill-Kummissjoni meta tivvaluta applikazzjoni. Dubji dwar is-sistema ta' kontroll fis-seħħ jistgħu jgħallu diffikultajiet fil-valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni ġdida.

12.5. Mistoqsija: Liema informazzjoni trid tibqa' disponibbli wara li jingħalaq il-każ?

Tweġiba: L-Artikolu 23(8) tar-Regolament dwar il-FEG jistipula li l-Istati Membri jridu jżommu disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Qorti tal-Awdituri, għal perjodu ta' tliet snin wara l-għeluq tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, id-dokumenti ta' sostenn kollha relatati man-nefqa mġarrba. L-Istati Membri jistgħu jżommu din id-dokumentazzjoni f'forma elettronika.

Huwa importanti li ma jkunx hemm konfużjoni bejn l-ittra tal-għeluq u l-ittra tal-għeluq imminenti. L-ittra tal-għeluq imminenti tintbagħat f'ittra wara li jasal ir-rapport finali u hija dokument ta' sostenn għar-rimborż tal-kontribuzzjoni mhux minfuqa.

12.6. Mistoqsija: Il-Kummissjoni kif tagħlaq każ tal-FEG?

Tweġiba: Meta tkun irċeviet ir-rapport finali u d-dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa, il-Kummissjoni teħtieġ li l-Istat Membru jirrimborża l-finanzjament mhux minfuq iddikjarat mill-Istat Membru fid-dikjarazzjoni tiegħu li tiġġustifika n-nefqa. L-ittra tal-għeluq imminenti għandha dan il-għan.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru wkoll sabiex jipprovdi aktar informazzjoni u kjarifika dwar ir-rapport u d-dikjarazzjoni. Ladarba jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa, li tinkludi l-opinjoni ta' korp tal-awditjar indipendenti, il-Kummissjoni tagħlaq il-kontribuzzjoni finanzjarja fi żmien sitt xhur. Dan tagħmlu permezz ta' ittra formali (li tissejjaħ l-"ittra tal-għeluq"). Id-data tal-ittra tal-għeluq hija l-bidu tal-perjodu ta' tliet snin li matulu jridu jinżammu d-dokumenti ta' sostenn kollha.

